# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 73/2015 BS**

**Joseph Grech u Saviour sive Sunny Cassar**
**bħala mandatarju tal-imsiefra**
**Nikolina sive Lina Borg**

**-vs-**

**Rita mart Michael Calleja u**
**Mary sive Miriam armla ta' Joseph Borg**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] li ppremettew:**

[1] A fol 1 sa 11.

1. ILLI missier il-kontendenti kollha, Saverio Grech, armel ta' Pawla Grech, bin il-mejtin Joseph Grech u Maria Antonia nee' Camilleri, ġa mwieled u joqgħod Kerċem, Għawdex, Karta tal-identità numru 4432G miet f'Victoria, Għawdex fis-sebgħa (7) ta' Ġunju elfejn u tlettax (2013);

2. ILLI huwa kien irrediġa testment fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tal-istess sena 2013;

3. ILLI dan it-testment kien ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bir-referenza disa' mija u sitta u sittin tal-istess sena (GI 996[2]/2013);

4. ILLI f'dak it-testment huwa effettivament ħalla l-ġid kollu li kellu lil tnejn biss fost uliedu, u ċjoè liż-żewġ konvenuti ad esklużjoni tal-atturi;

5. ILLI dak it-testment huwa affettwat minn nullità radikali għaliex fl-ewwel lok, il-kunsens ta' Saverio Grech fuq dak it-testment ġie kaptat mill-eredi hemm nominati, u fit-tieni lok, għaliex l-istat ta' saħħa mentali ta' Saverio Grech ma kienx, dakinhar li sar it-testment, tali li jippermetti li huwa jkun kapaċi japprezza l-portata tad-dispożizzjonijiet li kien qiegħed iħalli;

6. ILLI t-testment redatt mid-decujus immedjatament preċedenti dak li qed jiġi impunjat kien ġie redatt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fid[*sic*]-dsatax (19) ta' Awwissu elf disa' mija wieħed u disgħin (1991), liema testment kien ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bir-riferenza elf mitejn u wieħed u għoxrin tal-istess sena (GI 1221/1991);

7. Għidu għalhekk intom konvenuti/intimati għaliex ma għandhiex din il-Qorti:

[2] *sic*

1. tiddikjara li l-kunsens ta' Saverio Grech, armel ta' Pawla Grech, bin il-mejtin Joseph Grech u Maria Antonia nee' Camilleri, ġa mwieled u joqgħod Kerċem, Għawdex, Karta tal-identità numru 4432G, fuq it-testment fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tal-istess sena 2013 ġie kaptat mill-eredi hemm nominati, u fit-tieni lok, għaliex l-istat ta' saħħa mentali ta' Saverio Grech ma kienx, dakinhar li sar it-testment, tali li jippermetti li huwa jkun kapaċi japprezza l-portata tad-dispożizzjonijiet li kien qiegħed iħalli;

2. konsegwentement tiddikjara li dak it-testment huwa null u ma jiswiex;

3. konsegwentement tiddikjara li s-suċċessjoni tal-imsemmi Saverio Grech għandha tiġi regolata bis-saħħa tat-testment redatt mid-decujus immedjatament preċedenti dak li qed jiġi impunjat kien ġie redatt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fid[*sic*]-dsatax (19) ta' Awwissu elf disa' mija wieħed u disgħin (1991), liema testment kien ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bir-riferenza elf mitejn u wieħed u għoxrin tal-istess sena (GI 1221/1991).

Bl-ispejjeż kontra tagħkom, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għalija[*sic*] minn issa intom inġunti.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi;**

**Rat ir-risposta tal-konvenuti[3] illi eċċepew:**

---

[3] A fol 17 sa 18.

1. ILLI fl-ewwel lok Saviour sive Sunny Grech[4] irid jipprova l-mandat li huwa għandu ta' Nikolina sive Lina Borg *stante* li fir-rikors ġuramentat, minkejja dak li jingħad, ma ġiet annessa jew ippreżentata l-ebda prokura tal-assenti. Fin-nuqqas li tiġi ppreżentata tali prokura l-esponenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba n-nuqqas ta' integrità tal-gudizzju;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt *stante* li meta sar it-testment tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju 2013, fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech, Saverio Grech kien u baqa' wara li sar it-testment imsemmi fil-pussess pien tal-fakoltajiet mentali tiegħu u ma kienx priv mill-volontà fil-mument li għamel dan it-testment tiegħu anzi kien ben konxju ta' dak li kien qed jiddisponi fl-istess testment u dan kif ser jirriżulta bl-aktar mod ampju u ċar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. ILLI t-testment impunjat mir-rikorrenti, Saverio Grech għamlu minn jeddu u ma kien hemm l-ebda element ta' pressjoni jew ingann minn terzi jew li ġie b'xi mod imġiegħel jagħmlu, inkluż minn uliedu;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenuti;**

**Fliet l-atti;**

Rat li b'nota tal-konvenuti ppreżentata tas-17 ta' Frar, 2016[5] l-konvenuti rtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom wara li ppremettew li ħadu konjizzjoni tal-fatt li fl-istess atti proċesswali ġew ippreżentati l-prokuri tal-assenti;

[4] *sic*
[5] A fol 20.

Rat il-verbal tal- 10 ta' Mejju, 2017[6] li bih il-Qorti laqgħet talba tal-atturi sabiex il-kumplament tal-provi jinġabru minn Assistant Ġudizzjarju;

Rat il-verbal datat l-1 ta' Settembru, 2017[7] fejn l-partijiet talbu sabiex ix-xhieda mogħtija mill-attur fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet tkun tgħodd għal din l-istanza. Rat ukoll id-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2017[8] fejn laqgħet din it-talba;

Rat il-verbal tal-25 ta' Ottubru, 2016[9] fejn ġie dikjarat illi l-verbal tal-istess data tal-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet għandu jkun jgħodd għal din il-kawża. Rat li tali verbal jirrigwarda x-xhieda tan-Nutar Mariosa Grech;

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar, 2019[10] fejn l-partijiet talbu sabiex ix-xhieda kollha mogħtija fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet għandha tkun tgħodd għal din il-kawża;

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar, 2019[11] fejn l-partijiet talbu sabiex il-verbal tal-istess data u x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet għandhom ikunu jgħoddu għal din il-kawża;

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju, 2019[12] l-konvenuti talbu sabiex il-verbal tal-istess data fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet għandu jkun jgħodd għal din il-kawża. Rat ukoll id-digriet tagħha tat-23 ta' Mejju, 2019[13] li permezz tiegħu ordnat sabiex

[6] A fol 39.
[7] A fol 43
[8] A fol 44.
[9] *Sic* - A fol 58.
[10] A fol 62.
[11] A fol 64.
[12] A fol 68.
[13] A fol 69.

sas-seduta li kien imiss quddiem l-Assistent Ġudizzjajru jkunu ingħalqu l-provi attriċi;

Rat il-verbal tat-30 ta' Settembru, 2019[14] fejn l-partijiet talbu sabiex il-verbal tal-istess data u x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet ikunu jgħoddu għal din il-kawża;

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru, 2019[15] fejn l-partijiet talbu sabiex il-verbal tal-istess data fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet ikun jgħodd għal din il-kawża. Rat li tali verbal jirrigwarda wkoll ix-xhieda tan-Nutar Mariosa Grech;

Rat il-verbal tas-16 ta' Jannar, 2020[16] fejn l-partijiet talbu sabiex il-verbal tal-istess data u x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet ikunu jgħoddu għal din il-kawża;

Rat in-nota tal-atturi ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti nhar il-5 ta' Mejju, 2020[17] u t-testment *unica charta* anness magħha tal-ġenituri tal-partijiet tad-19 ta' Awwissu, 1991 in atti Nutar Paul George Pisani;[18]

Rat il-verbal tal-1 ta' Lulju, 2020[19] fejn l-partijiet talbu sabiex il-verbal tal-istess data u x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet ikunu jgħoddu għal din il-kawża;

Rat il-verbal tal-15 ta' Lulju, 2020[20] fejn l-partijiet talbu sabiex il-verbal tal-istess data u x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet ikunu jgħoddu għal din il-kawża;

---

[14] A fol 86.
[15] A fol 106.
[16] A fol 108.
[17] A fol 120.
[18] A fol 121 sa 122.
[19] A fol 133.
[20] A fol 141.

Rat il-verbal tal-1 ta' Ottubru, 2020[21] fejn l-atturi ddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq u nbeda l-istadju tal-provi tal-konvenuti;

Rat il-verbal tad-19 ta' Novembru, 2020[22] fejn l-partijiet talbu sabiex il-verbal tal-istess data u x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet ikunu jgħoddu għal din il-kawża;[23]

Rat il-verbal ta' l-14 ta' Jannar, 2021[24] fejn l-partijiet talbu sabiex il-verbal tal-istess data u x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 74/2015 fl-istess ismijiet ikunu jgħoddu għal din il-kawża;[25]

Rat il-verbal tagħha tal-14 ta' April, 2021[26] fejn irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Ġudizzjarju u ordnat sabiex ix-xhieda rimanenti jinstemgħu quddiemha;

Rat il-verbal tagħha tas-17 ta' Frar, 2022[27] fejn l-partijiet iddikjaraw maghluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u kontroeżamijiet u li l-kawża tista' tithalla għas-sentenza u li l-Qorti, għalhekk, iddifferiet il-kawża għa-lum għas-sentenza;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet a fol 343 sa 356 (nota ta' l-atturi) u a fol 359 sa 383 (nota tal-konvenuti);

---

21 A fol 191.
22 A fol 192.
23 Il-Qorti hawnhekk tinnota li l-uniku xhud mismugħ dakinhar tad-dsatax (19) ta' Novembru, 2020 kien in-Nutar Mario Grech in kontroeżami liema Nutar ma kien involut ma' ebda miż-żewġ testmenti mertu ta' din il-vertenza.
24 A fol 194.
25 Il-Qorti hawnhekk tinnota li l-uniku xhud mismugħ dakinhar tal-erbatax (14) ta' Jannar, 2021 kien rappreżentant tal-ARMS bix-xhieda tal-istess m'għandha ebda relevanza għal mertu ta' din il-vertenza.
26 A fol 201.
27 A fol 340e.

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament jew rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, skont il-każ, ta':**

**Mary Louise Grech,** li xehdet permezz ta' affidavit[28] miktub bil-lingwa Ingliża fejn iddikjarat illi hija mart l-attur Joseph Grech. Xehdet li huma ġew Għawdex flimkien diversi drabi inkluż f'Mejju 2013 meta qagħdu fid-dar ta' missier l-attur, Saviour Grech. Tgħid li kien kuntent li hija ssejjaħlu "missier", li kienet tħobbu u ssajjarlu inkluż meta kien l-isptar, u li kienu jqattgħu ħinijiet twal flimkien. Xehdet li lill-ħut ir-raġel tagħha, ossia Rita u Miriam qatt ma' rathom kemm damet Għawdex u li d-dar ta' Saviour kienet tieħu ħsiebha hi waħedha.

Xehdet li Saviour kien jgħid li Miriam ma tmurx tarah u ma tirrispondihx meta jċemplilha u li lil Rita kien jirreferi għalija bħala "id-dimonju". Xehdet li Saviour kien qalilha kemm tkiddu (ma tispeċifikax minn) għax trid kollox kif trid hi. Xehdet li l-ewwel ġimgħa ħadet ħwejjeġ Saviour għand Rita imma din irrifjutat li taħsilhom.

Tgħid li Saviour kellu affezzjoni lejn il-ġara tiegħu, Ġuża Spiteri, u kien jaħbi xi bajd minn tat-tiġieg li kellu sabiex jagħtihom lil Ġuża għax kien jibza' li jekk issibhom Rita kienet teħodhom hi. Tispjega li kien baqa' jsemmi lil martu Pauline u kien jgħid li xtaqha għadha miegħu. Tgħid li darba meta kienu fid-dar Saviour miegħu, sabitu bl-erba' (4) tankijiet tal-ossiġnu lkoll vojta u li Rita ma riditx tieħdu l-isptar. Tgħid li jumejn wara dan, it-tabib ta' Saviour insista magħhom li kellhom jeħduh l-isptar imma Rita reġgħet irrifjutat u għaddiet tagħha.

[28] Ippreżentat b'nota tar-rikorrenti tat-tnejn (2) ta' Marzu, 2016, a fol 21 (in-nota) u a fol 22 sa 23 l-affidavit.

Tkompli li fl-istess żmien, Michael, kien imur id-dar ta' Saviour fis-siegħa ta' waranofsinhar (01:00pm) u kien dak il-ħin li Saviour kien jingħata l-mediċina minn Michael meta suppost din kienet tingħatalu fis-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) u darb'oħra fis-sebgħa ta' filgħaxija (07:00pm). Tgħid li ta' filgħaxija kienet tingħatalu f'xi d-disgha. Tgħid li jumejn wara dan Saviour kien iddaħħal l-isptar bi qtugħ ta' nifs. Iżżid li l-isptar kien beda ġej 'il quddiem u meta marret tarah waħedha kien irrabjat għal Rita għaliex din ridithu jmur joqgħod magħha.

Tgħid ukoll li bintha, Rebecca, li kienet għadha barra minn Malta kellha xewqa tara lill nannuha, Saviour, u li meta qalet lill Saviour b'dan, huwa la ftakar minn hi Rebecca u wisq anqas li x-xhud u zewġha (li jiġi ibnu) kellhom tlett (3) itfal. Tgħid li l-isptar saħħtu bdiet sejra lura malajr u hija taħseb li ma kienx għadu luċidu f'kull ħin. Iżżid li dan kien xi tnax(12)-il jum qabel dan miet.

**George Grech**, li xehed permezz ta' affidavit[29] iddikjara li huwa jżur Malta kull sentejn jew tlieta u sakemm ħuh Saviour, missier il-partijiet kien ħaj kien iqatta' ħafna ħin miegħu. Jgħid li meta kien ikun Malta hu u ħuh kienu jiltaqaw almenu darba kuljum. Jgħid li l-aħħar li ra lil Saviour kien fis-Sajf tal-2012 fejn sabu mdejjaq u rrabjat minħabba bintu Rita li kienet tkun tard sabiex twasslu għall-appuntamenti mediċi u l-bank.

Jgħid li kien joffri li jwasslu hu iżda Saviour kien jirrifjuta għax kien jibza jaccetta minħabba Rita. Jixhed li Rita kienet tikkontrollah u kienet tinsisti li tieħdu hi. Jixhed li Saviour kien stqarr miegħu li talli twasslu kien iħallasha. Jixhed li lil Rita qatt ma ra tagħmel faċenda jew issajjar għand Saviour. Jgħid li kienet oħthom Katerina li kienet tmur taħsel l-art għand Saviour u anke teħodlu ħwejġu għall-ħasil. Jixhed li Saviour kien jgħidlu li l-

[29] Ippreżentat b'nota tar-rikorrenti tat-tnejn (2) ta' Marzu, 2016, a fol 21 (in-nota) u a fol 24 l-affidavit.

proprjetà u raba' li kellu rid li tmur għand uliedu kollha f'sehem indaqs bejniethom u li dan kien ħa ħsieb tiegħu b'testment li ma kellux intenzjoni jibdel.

Jixhed li l-aħħar li ra lil ħuh kien diġà ra l-effetti tal-età fuqu u li dan kien ibati bil-qtugħ ta' nifs.

**Xehed ulterjorment, in kontroeżami, nhar it-tletin (30) ta' Settembru, 2019**[30] fil-kawża numru 74/2015, liema kawża ġġib l-istess ismijiet ta' din l-istanza[31]. Jgħid illi huwa ilu msiefer ħamsa u sittin (65) sena iżda jkun Għawdex kull sentejn jew tlieta. Jgħid li kien Għawdex xi seba' (7) xhur qabel miet ħuh Saviour. Jgħid li fl-aħħar snin minn ulied Saviour tnejn biss kienu Għawdex, Miriam Borg u Rita Calleja, bit-tnejn l-oħra, Lina u Joseph, ilhom l-Awstralja 'l fuq minn erbgħin (40) sena.

Ikompli li Saviour ġieli kellmu fuq wirt bl-aħħar darba kien fl-2012 meta huwa kien Għawdex. Jgħid li Saviour kien qallu li huwa għandu erbat (4) itfal u l-erbgħa huma xorta. Jgħid li Saviour kien igerger miegħu li mit-tfal ma jsib lil ħadd u mnalla kellu lil oħthom Katerina tagħtih daqqa t'id.

Mistoqsi fuq li xehdet il-ġara ta' Saviour, Ġuża Spiteri, li Miriam u Rita kienu jgħinu lil Saviour jgħid li huwa hekk ma jafx għax ma kienx hawn. Mistoqsi jekk Saviour kienx ibati b'xi kundizzjoni tal-moħħ jgħid li ħuh kien l-iktar li jtik pariri, li ma kienx ibati u li huwa hekk sabu sal-aħħar.

Jgħid li ħuh Saviour kien qallu li Rita kienet tieħdu sal-bank u għand it-tabib. Jgħid li ma jafx jekk oħthom Katerina kinitx tagħmillu kollox lil ħuh Saviour għax hu ma kienx hawn. Jgħid li Saviour kien jgħidlu wkoll li wliedu ma riedu jagħmlulu xejn.

---

[30] A fol 185 sa 202 tal-proċess 74/2015.

[31] liema xhieda ġiet reża applikabbli għal din l-istanza permezz ta' verbal quddiem l-assistent ġudizzjarju

**In rieżami** fl-istess data,[32] rigward li ddiskutew it-testmenti jgħid li dak kien fl-2012 u jiftakar għax kien l-aħħar darba li huwa kien Għawdex qabel ma miet Saviour. Jgħid li r-relazzjoni ta' ħuh Saviour ma ibnu Joseph kienet tajba ħafna u jgħid dan għax Joseph kien dejjem jiftaħar b'missieru u Saviour tela' darbtejn jara lill Joseph l-Awstralja fejn anke kien joqgħod ma' Joseph apparti għal xi ftit iljieli ma' Lina.

Jgħid li dan kien xi ħamsa u għoxrin (25) sena qabel. Jgħid ukoll li Saviour kien jiftaħar bl-erba' wliedu u ma kellux preferenzi bejniethom.

**In kontroeżami ulterjuri** fl-istess data,[33] jgħid li meta tkellmu fuq it-testmenti forsi Saviour kien qed jgħid għat-testment li kien għamel ma' martu. Jgħid li fl-1991, meta għamel l-ewwel testment ma' martu, Saviour kien għadu jarmi s-saħħa imma mhux l-istess fl-2012, meta rah l-aħħar, fejn kien għadu kapaċi imma kien majna.

**Nikolina sive Lina Borg**, waħda mill-atturi, xehdet permezz ta' affidavit[34] fejn iddikjarat li hija tiġi bint il-mejjet Saviour Grech. Tixhed rigward iż-żewġ testmenti li ħalla missierha u tgħid li l-ewwel wieħed, tad-19 ta' Awwissu 1991 kien għamlu flimkien ma' ommha li mietet qablu fl-2003.

Tixhed li d-differenza bejn iż-żewġ testmenti hija notevoli għaliex fl-ewwel wieħed l-aħwa kollha kienu trattati bl-istess mod mentri bit-tieni wieħed, li sar għaxart (10) ijiem qabel il-mewt ta' missierha, ma kinux stante li b'dan l-aħħar testament missierha ħalla ġidu kollu lil ħutha Rita u Mary.

[32] A fol 202 sa 206 tal-proċess 74/2015.
[33] A fol 206 sa 210 tal-proċess 74/2015.
[34] Ippreżentat b'nota tar-rikorrenti tat-tnejn (2) ta' Marzu, 2016, a fol 21 (in-nota) u a fol 25 sa 27 l-affidavit.

Tixhed li għalkemm hi ilha l-Awstralja għal snin twal dejjem kellha relazzjoni tajba ma' missierha. Tgħid li kienet iċċempillu kull ġimgħatejn fejn kienu jdumu jitkellmu xi nofs siegħa dment li kien ikollu s-saħħa. Tixhed li l-aħħar li kienet Għawdex kien madwar sena qabel miet missierha fejn dan kien gerger magħha rigward Rita u Mary. Tgħid li kien qalilha li kellu relazzjoni aħjar magħha milli magħhom.

Tgħid li lil Rita qatt ma ratha tagħmel faċenda jew issajjar. Tgħid li kienet oħt missierhom Katerina li tieħu ħsieb ta' dan, bil-ġirien jagħmlulu x-xirja. Tgħid li jekk Rita qatt għamlet xi ħaġa kienet tippretendi l-ħlas għalija. Tgħid li rat lil missierha jagħti bajd u laħam lil oħtha Rita. Tgħid li missierha kien kapaċi jieħu l-mediċina waħdu imma kien jagħtihielu Michael, ir-raġel ta' Rita, biex taparsi jieħdu ħsiebu. Tgħid li dan Michael kien jagħtih il-mediċina tard u li b'riżultat ta' dan missierha kien ibati, inkluż bin-nifs. Tgħid li x'hin kien jirrakkontalha dan kien jibki għax kien imweġġa'.

Tkompli tgħid li kien stqarr magħha li oħtha Miriam ma tmurx tarah u jekk kien iċemplilha kienet tevitah. Tgħid li l-aħħar li kien l-isptar kienet ċemplet minn barra u talbet lill Rita tgħaddi bewsa mingħandha lil missierhom. Tgħid li wara, Rita qaltilha li dan ma kienx induna bil-bewsa għax saħħtu, kemm fiżika kif ukoll mentali, kienet ħażina. Tgħid li b'dan hi fehmet li missierha allura ma kienx għadu kapaċi la jitkellem u anqas juri xi jrid. Tgħid li missierha għamel madwar erba' (4) pimghat hekk l-isptar u għalhekk ma tistax tifhem kif għaxart (10) ijiem qabel miet dan għamel testment ġdid.

**In kontroeżami**[35] tgħid li bejn il-mewt ta' ommha u ta' missierha hija kienet Għawdex darbtejn. Tgħid li ghamlet seba' (7) ġimgħat Għawdex sena qabel miet missiera. Tikkonferma li wara mewt ommha, missierha kien għadu f'saħħtu u ma kellux bżonn

[35] A fol 220 sa 234.

għajnuna. Tgħid li lil missierha kienet iċċempillu kull nhar ta' Ħadd fl-għaxra ta' filgħodu u ġieli qalilha taqta' għax ma' kienx ikun jista jitkellem. Tgħid li hija kienet taħseb li forsi kien ikun hemm xi ħadd ħdejh u ma jkunx irid jitkellem quddiem dak li jkun.

Tissokkta li hija kienet indunat bil-problemi ta' nifs li kellu meta niżlet Għawdex xi sena qabel miet. Tgħid li huwa ma kienx qalilha fuq it-telefon sabiex ma jinkwetahiex. Tgħid li meta kienet tkun f'daru ta' kuljum kien jinkaxxa ruħu mal-ħajt u bis-sinjali juriha li ma jistax jieħu n-nifs. Tgħid li kienet tgħidlu jieħu (il-magna) tan-nifs u kien jgħidlha li ma jafx jagħmilha. Tgħid li kien jgħidilha li lilu ma wrewhx kif jagħmel il-magna tan-nifs biex taparsi hemm bżonnhom għalhekk. Tgħid li kienet tgħidlu dan mhux sew għax Rita tkun fuq xogħolha tnaddaf għand in-nies u żewġha Michael imur għandu biss għas-siegħa ta' waranofsinhar (01:00am).

Tgħid li l-faċendi tad-dar fid-dar ta' missierha kienet tagħmilhom oħtu Katerina dment li ma kienx ikun hemm hi mill-Awstralja. Tgħid li meta kienet Għawdex hi fuq il-btajjel tagħha Katerina kienet tidħol kuljum fit-tmienja ta' filgħodu (01:00am) tistaqsiha x'hemm bżonn iżda ma' tagħmilx faċendi għax dawn kienet tieħu ħsiebhom hi. Tgħid li missierha kien qalilha li Rita kienet tiġi biss waqt li kien ikun hemm xi ħadd mill-Awstralja u li kien iżid li kieku mhux għal daqshekk kien idum ġimgħa ma jaraha lil Rita.

Tgħid li meta kienet tiġi Rita din kienet tikkontrollah u huwa kien jagħmel in-nervi u jkeċċiha. Tgħid li kemm damet għand missiera hi, lil ħutha Rita u Miriam qatt ma rathom. Tgħid li missierha kien jgħidilha li lil Miriam għandu xorti jaraha darbtejn fis-sena u jekk iċemplilha ma taqbadtx it-telefon. Tgħid li din tat-telefon ġrat anke waqt li kienet Għawdex hi fejn

missierha qal quddiemha li qed iċempel lil Miriam u mhux tirrispondi.

Tgħid li hija ma temminx li missierha għamel dak it-testment għax lilha kien ihobbha ħafna bħal uliedu l-oħrajn. Tgħid li missierha kien uriha li kellu mitt elf ewro (€100,000) u qalilha li jridha tkun taf bħalma jafu ħutha l-oħrajn. Tgħid li urijha wkoll fejn kellu l-flus mohbija fid-dar.

**Joseph Grech,** wiehed mill-atturi, xehed permezz ta' affidavit[36] fejn iddikjara li huwa emigra lejn l-Awstralja fl-1981 iżda baqa' jiġi jżur lill-ġenituri tiegħu kull sentejn jew tlieta. Jixhed li meta mietet ommu, missieru qasam id-deheb tagħha bejn l-erba' (4) wliedu ossia, huwa, Lina, Rita u Mary iżda fl-aħħar huwa kien irritorna ċurkett u rriżulta li Rita kienet ħadet l-aktar deheb. Jixhed li Rita kienet tgħajjat ma' missierhom tant li darba missierhom keċċiha mid-dar. Jgħid li ommu, b'testment li għamlet ma' missieru fl-1991, kienet halliet lill-aħwa lkoll bħala eredi universali tagħha.

Jgħid li f'Mejju 2013 huwa u martu ġew Għawdex u ndunaw kemm saħħet missieru kienet marret lura. Jgħid li Ġuża, il-ġara tiegħu, kienet tixtrilu ħobża kuljum u għalhekk kien iħobbha imma Rita u żewġha Michael ma kinux jieħdu gost bil-preżenza tagħha.

Jgħid li oħt missieru, Katerina, kienet tmur kull filgħodu sabiex tnaddaflu u tara x'hemm bżonn, u li dan kienet tagħmlu peress li Rita u Mary ma kienu jagħmlu xejn. Jgħid li hu missieru, Peppi, wkoll kien imur kważi kuljum u li ħut missieru l-oħrajn, Vince u Emanuel ukoll kienu jmorru. Jgħid li kieku ma kienx għal dawn ħadd ma kien ikun jaf missieru qamx jew le għax Michael, ir-

[36] Ipprezentat b'nota tar-rikorrenti tat-tnejn (2) ta' Marzu, 2016, a fol 21 (in-nota) u a fol 28 sa 32 l-affidavit.

raġel ta' Rita, kien imur hemm biss fis-siegħa ta' waranofsinhar (01:00pm).

Jgħid ukoll li meta hu u martu ġew f'Mejju qagħdu għand missieru fejn dan kien qallu li lil Rita jagħtiha għaxar ewro (€10) kull darba li tieħdu x'imkien. Jgħid li oħtu Miriam kienet tagħmel xhur ma tmurx tarah u li jekk kien iċemplilha ma kinitx tirrispondi. Jgħid li Miriam ikkontrollata minn Rita u tagħmel li tgħid Rita. Jgħid li Michael ta' Rita ma kellux xi jmur jagħmel jagħti l-mediċina lil missieru għax dan seta' jeħodha waħdu. Jgħid li waqt li kien ma' missieru darba sabu jipprova juża magna għall-ossiġnu li, però, kellha t-tankijiet vojta. Jgħid li missieru ma' ridtx jiccaqlaq qabel ikellem lil Rita. Jgħid li Rita u Michael ġew biss meta sebah u missieru baqa minghajr ossignu gurnata shiha għaliex ic-cilindri nġiebu filgħaxija. Jgħid li kien min dakinhar li sahhet missieru marret lura.

Jixhed ukoll li jumejn wara missieru ċempel lit-tabib u dan qallu jmur l-isptar iżda Rita ma riditux imur. Jgħid li lit-tabib kien qallu li xuftejn missieru kienu blu u li dan kien qallu li dak probabbli għax mhux jieħu l-mediċina fil-ġin. Jgħid li min hemm missieru daħal l-isptar u ma ħariġx ħaj. Jgħid li l-isptar kien ġie xi ftit 'il quddiem sakemm kellu xi jgħid ma' Rita għaliex din riditu jmur jgħix magħha u, jumejn wara, saħħtu ddeterjorat u ġie trasferit is-CCU.

Jgħid li s-CCU huwa ma kienx jitħalla waħdu ma' missieru b'Michael jew Roderick, iben Miriam, li jaħdem l-isptar kienu dlonk jitfaċċaw. Jgħid li meta missieru kien is-CCU huwa kien qal b'dan lil uliedu Philip, Richard u Rebecca. Jgħid li dawn għaddew it-tislijiet tagħhom lin-nannu tagħhom li però ma ftakarx bihom. Jgħid li din kienet indikażżjoni li missieru ma kienx f'qagħda mentali tajba għaliex qabel ġieli kien li saqsa għan-neputijiet tiegħu. Jgħid li fiż-żmien li kien l-isptar l-aħħar darba missieru kien jidher konfuż għall-aħħar. Jgħid li kien

joffrilu l-ilma, dan kien jiffirjuta u ftit minuti wara jirrabja li ħadd ma offrilu x'jixrob. Jgħid li darba saqsa lil missieru ridtx ikellem lil Nikolina, bintu wkoll u oħt ix-xhud, u dan tah ħarsa mitlufa u qallu "dik min hi?". Jgħid għalhekk li l-istat mentali ta' missieru kien ħażin. Jgħid li mistoqsi rigward id-dar tiegħu minħabba problema ta' perkolazzjoni ta' ilma li kellu l-ġar missieru ma kienx jiftakar fejn hi l-kamra tal-banju f'daru. Jgħid li anqas kien baqa' jiftakar li kellu għasfur jew kellux flus id-dar jew kemm kellu flus il-bank minkejja li wara rriżulta li kellu fuq mitt elf ewro (€100,000).

Jgħid li anqas kien jiftakar rigward iċ-ċurkett tad-deheb li hu kien għaddielu lura fuq talba tiegħu. Jgħid li missieru kien jinsa wkoll minn jeħodlu l-affarijiet biswit is-sodda tiegħu l-isptar u li filwaqt li huwa kien iżuru l-isptar filgħodu u filgħaxija ħafna drabi, filgħaxija, kien isaqsih għalfejn filgħodu ma marx. Jgħid li dan kien indikattiv li missieru ma kienx għadu mija fil-mija mentalment.

Fix-xhieda ulterjuri tiegħu[37] xehed illi x-xhieda ta' Ġuża Spiteri, il-ġara ta' missieru, mhux korretta għax din kienet tarah kuljum u kienet tixtrilu ħobża kuljum mhux darbtejn jew tliet (3) darbiet fil-ġimgħa kif xehdet. Jgħid li missieru, waqt li huwa kien joqgħod għandu, kien jitlef in-nifs tant li ma jkunx jista' jitkellem jew jibda jitkellem qisu wieħed miġnun u dan għax Michael, żewġ Rita, la kien jagħtih il-mediċina fil-ħin u anqas kien irid jgħallmu jeħodha waħdu. Jgħid li l-aħħar li kien l-isptar missieru kien hemm ġimgħa fejn ġie 'l quddiem u kien hemm anke pjan li jinħareġ mill-isptar iżda l-*head nurse* tal-isptar qalilhom li mhux ta' waħdu.

Jgħid li huwa offra li jħallaslu *nursing home* San Lawrenz imma missieru rrifjuta u ried imur id-dar imma ma riedx joqgħod ma Rita. Jgħid li ma' Miriam kien joqgħod.

---

[37] mogħtija nhar l-1 ta' Settembru, 2017 fil-kawża numru 74/2015.

Jafferma li Rita ġġieldet ma' missierhom il-Ġimgħa filgħaxija għax insistiet li jmur joqgħod għandha u hu ma riedx. Jgħid li bl-inkwiet ta' hekk miet missierhom. Jgħid li fit-23 ta' Mejju, fejn it-tobba qalu li kien hemm il-problemi fil-familja dawn kienu għax kien jaqbeż għal missieru għax kien jaf li Rita mhix tieħu ħsiebu. Jgħid li Miriam, mil-Milied sa meta daħal l-isptar lil missierhom qatt ma ratu, reġgħet ratu biss wara li ddaħħal l-isptar l-aħħar darba. Jgħid li lill Rita, fil-ġimgħatejn li għamel għand missieru qabel iddaħħal l-isptar qatt ma raha, għajr darba mat-tabib meta ma ħallitx lil missierhom imur l-isptar.

Jgħid li ra lill-Kappillan ta' Kerċem ħiereġ minn fejn missieru, kien għamillu l-Griżma, u għalhekk ġedded iż-żmien tiegħu f'Għawdex u ċempel lit-tfal l-Awstralja sabiex jgħidlhom b'dan. Jgħid li hawn kien meta uliedu sellew għal nannuhom li ma ftakarhomx. Jgħid li rigward dak li qal il-psikjatra li missieru kien *depressed* minħabba li t-tfal kienu qed jargumentaw fuq l-eredità huwa lanqas biss kien jaf li nbidel it-testment f'dak l-istadju. Jgħid li miegħu missieru żgur ma kellux problemi rigward eredità għax anqas biss kien jaf x'qed jiġri u għalhekk, jekk kien hemm il-problemi dawn kienu ma' Rita u Miriam jew Rita biss. Jgħid ukoll li tant dan minnu li fil-Milied ta' wara li naqas missieru huwa bagħat kartolina tal-Milied lil oħtu Miriam u din irreċiprokat u qatt ma ssemmew problemi tal-eredità. Jgħid li huwa qabbad avukat biss meta n-Nutar kellmitu u qaltlu li messewh għaxart elef ewro (€10,000) u ħass li dan ma kienx jagħmel sens meta kien jaf bil-mitt elef ewro (€100,000) *fixed term deposit* li kellu missieru apparti sehmu mid-dar ta' missieru.

**In kontroeżami**,[38] jtenni li kienet Katerina li ddur b'missieru u mhux ħutu Rita u Miriam u jinsisti li x-xhieda mogħtija minn Ġuża Spiteri ma għandhiex mis-sewwa.

[38] A fol 71 sa 100 tal-proċess 74/2015.

Jaċċetta li meta missieru kien qal li ma jridx imur id-dar għax kien hemm persuna problematika d-dar huwa kien qed jirreferi għalih u jispjega li missieru qal hekk billi huwa kien jaqbeż għal missieru u jeħodha kontra Rita jew Michael għax ma kinux iduru bih sewwa.

Jgħid li l-inkwiet ma kellu x'jaqsam xejn ma' eredità. Muri ritratt ta' ktiba li tħalliet mal-ħajt fil-kamra tas-sodda fid-dar ta' missieru[39] kkonferma li din kien kitibha huwa sabiex juri li kien jaf bil-mitt elef ewro (€100,000) li kellu missieru u li missieru ma riedx imur joqgħod ma' Rita.

Rigward il-parti tal-ktiba fejn qal li missieru waqaf jiekol irrisponda li missieru kien jiekol sa qabel ma daħal is-CCU bis-saħna li tatu Rita meta ma riedx imur jgħix magħha u min dakinhar waqaf jiekol u ma ħariġtx minn hemm ħaj. Jgħid li t-tobba ma riduhx jgħix waħdu imma huwa ma ridtx imur għand Rita, iżda rid imur għand Miriam. Dan minkejja li t-tobba kitbu li ma riedx imur id-dar minħabba problemi li jinvolvu "son" f'kumment li anke jsemmi "l-Awstralja".

Jinsisti li huwa qala' problemi biss rigward Rita, mhux eredità. Jgħid li jaħseb li missieru ma kienx f'sensih meta għamel l-aħħar testment għax la kien jiftakar lin-neputijiet tiegħu (ulied ix-xhud) u lanqas kien jiftakar lil bintu Lina meta din bagħtitlu bewsa ma' oħthom Rita. Jgħid li missieru daħal l-isptar fil-wieħed u ghoxrin (21) ta' Mejju u miet fis-sebgħa (7) ta' Ġunju u li fil-jiem wara li kien is-CCU żgur li ma kienx jaf x'inhu jagħmel.

Mistoqsi jekk meta missieru kien jitlef in-nifs filgħodu dan kienx minħabba li huwa kien jagħmillu ansjetà kbira, u mhux minħabba dewmien fl-għotja lilu tal-mediċina, jgħid li huwa bilkemm kien ikun id-dar aħseb u ara kemm kien jagħmillu ansjetà. Jinsisti li t-tabib qallu li dan kien għax missieru ma kienx

[39] Ritratt eżebit a fol 102 tal-proċess 74/2015.

qed jiġi mogħti l-mediċina fil-ħin. Jgħid li Rita ħalliet lil missierhom jumejn mingħajr mediċina u ma riditux imur l-isptar.

**Dr Mariosa Grech,** Nutar Pubbliku ta' Malta,[40] esebiet kopja tal-aħħar testment ta' Saviour Grech data t-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013[41] u xehdet li b'dan it-testment hija kkanċellat kull testment li sar qabel u għamlet ukoll il-*causa mortis* tad-decujus. Tgħid li lil Saviour tiftakru bħala klijent tagħha. Tgħid li meta kellmitu l-kundizzjoni mentali tiegħu kienet tajba fejn xi żmien qabel ukoll kien għamel xi att pubbliku ieħor. Tgħid li hija toqgħod triq 'il bogħod minn fejn kien joqgħod huwa allura kienet tafu wkoll fil-ħajja privata u li huwa kien sewwa.

Tgħid li taf li Saviour kellu erbat (4) itfal; lil Rita, Miriam, Lina u Joseph. Tispjega li meta sar l-aħħar testment huwa qalilha li tnejn minnhom kienu jduru bih u t-tnejn l-oħra kienu msiefrin. Tgħid li qatt ma kellimha dwar kif kienet ir-relazzjoni tiegħu mat-tfal iżda meta kellimha fuq l-aħħar testment qalilha li jrid iħalli l-wirt tiegħu lil tnejn minnhom. Tgħid li spjegatlu li ma setax jagħmel hekk u dwar is-sehem riżervat u hemmhekk qalilha li jifhem dan dment li ma jsitax jagħmel mod ieħor. Ikkonkludiet allura illi li kieku kien għalih ma kien iħalli xejn liż-żewġt (2) uliedu l-oħra. Tgħid li t-testment sar l-isptar wara li kien ċemplilha xi ħadd u qalilha li Saviour irid jagħmel testment. Tgħid li ċemplilha xi ħadd minn dawk li joqogħdu Għawdex iżda ma tafx min.

Rigward il-kundizzjoni medika ta Saviour tgħid li ma tafx x'kienet u meta marret tarah l-isptar kien f'sodda, libes maskla qisha tan-nifs li kien jaqbad b'idu, ineħħiha, u jkellimha ċar u sew, u jerġa' jpoġġiha. Tgħid li biex iffirma kien ċar u sewwa u li kieku ma kienx hekk hija ma kinitx tagħmel t-testment. Tgħid

[40] A fol 124 sa 132 tal-proċess 74/2015 liema xhieda ġiet reża applikabbli għal din l-istanza permezz ta' verbal quddiem l-assistent ġudizzjarju.
[41] Inkluż ukoll a fol 133 sa 136 tal-proċess 74/2015.

ukoll li kien hemm iċ-ċertifikat tal-psikjatra. Tinsisiti li mentalment kien sew, kien jaf x'qiegħed jgħidilha, u kieku ma kienx hekk hija ma kinitx tagħmel it-testment. Rigward iċ-ċertifikat tal-psikjatra tgħid li hija tesiġi li dan isir fl-istess ġurnata li tkun ser tmur hija u taf li jservi erbgħa u għoxrin (24) siegħa.

**Joseph Saliba,** li deher bħala xhud fuq l-aħħar testment ta' Saviour Grech, xehed[42] li jiftakar li deher bħala xhud nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013 fuq it-testment ta' Saviour u li t-testment sar l-isptar ta' Għawdex fejn huwa jaħdem bħala *staff nurse*. Jgħid li Saviour kien taħt il-kura tiegħu u li l-problemi li kellu kienu relatati man-nifs. Jgħid li ma jiftakarx x'mediċina kien jieħu però, rigward is-saħħa mentali tiegħu, jgħid li hu dejjem f'sensieh jiftakru. Jgħid li t-testment inqara quddiemu mill-bidu sal-aħħar u li minbarra hu kien hemm ukoll Joseph Cini bħala xhud. **In kontroeżami** fl-istess data,[43] jikkonferma illi waqt li t-testment kien qiegħed jinqara quddiemu Saviour kien juri li qed jifhem.

**Joseph Cini,** li deher bħala xhud fuq l-aħħar testment ta' Saviour Grech, xehed[44] li huwa jaħdem bħala *nursing aide* l-isptar ta' Għawdex. Jgħid li jiftakar li huwa kien xhud fuq it-testment ta' Saviour Grech ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013. Jgħid li jiftakar lill Saviour bħala pazjent li kien ibati bin-nifs għax kien ikun bil-maskla. Jgħid li huwa mhux tabib iżda *aide* fejn allura x-xogħol tiegħu limitat għall-ghajnuna bil-ħasil tal-pazjenti, tqassim ta' te u ikel. Jgħid li jiftakar it-testment ta' Saviour isir u jagħraf il-firma tiegħu fuq il-paġni tal-istess. Jgħid li t-testment inqara quddiemu. Jgħid li dakinhar kien hemm hu, in-Nutar, u xhud ieħor li kien Joseph Saliba. Jgħid li Saviour kien

---

[42] A fol 144 sa 147 tal-proċess 74/2015 liema xhieda ġiet reża applikabbli għal din l-istanza permezz ta' verbal quddiem l-assistent ġudizzjarju.
[43] A fol 147 sa 148 tal-proċess 74/2015.
[44] A fol 153 sa 165 tal-proċess 74/2015 liema xhieda ġiet reża applikabbli għal din l-istanza permezz ta' verbal quddiem l-assistent ġudizzjarju.

f'sensih waqt il-qari tat-testment. **In kontroeżami** fl-istess data,[45] jgħid li Saviour kien f'sensih u kien qed jifhem x'qed tgħid in-Nutar.

**Dr Michael Refalo**, tabib mediku, xehed[46] in rappreżentanza tal-amministrazzjoni tal-isptar rigward id-decujus Saviour Grech. Huea esebixxa fotokopji tan-noti tal-isptar esklużi l-*investigation forms.* Xehed li l-problema medika prinċipali li kellu d-decujus kienet ta' *obstructive pulmonary disease* ossia kundizzjoni fil-pulmun li komunament isseħħ f'minn ikun pejjep għal tul ta' żmien fejn il-pulmun ma' jibqax jiffunzjona sew u allura jkun hemm problemi bin-nifs. Xehed li l-maġġoranza tad-drabi li nġib l-isptar kien kaġun ta' hekk. Xehed li fl-aħħar xahar qabel miet fis-sebgħa (7) ta' Ġunju, 2013 daħal l-isptar fit-tnax (12) ta' Mejju bi problema respiratorja li kienet qed tiggrava. Xehed li min-notamenti tat-tobba li kienu jżuruh fil-*ward* jirriżulta li Saviour kellu problemi ta' saħħa relatati ma' problemi ta' nifs. Jgħid li fil-15 ta' Mejju rah it-tabib Robert Sciberras li sabu konfuż. Jgħid li ma kien hemm ebda notament ieħor għajr li l-pazjent instab konfuż matul il-lejl. Xehed li kien hemm pjan li l-pazjent jiġi *discharged* l-għada, 16 ta' Mejju iżda xħin rawh it-tobba sabu li nifsu kien għadu mhux sew u żammewh. Jgħid li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess sat-22 ta' Mejju, 2013.

Xehed ukoll li fit-23 ta' Mejju żdiedet nota fejn it-tabib Robert Sciberras kiteb *"patient does not want to go home due to pressure or trouble"* u *"probably son to go back to Australia first (1st) June, 2013"*. Jgħid li ma marx id-dar sal-24 ta' Mejju iżda mbagħad fil-25 ta' Mejju talab li joħroġ it-Tnejn ta' wara, ossia, fis-27.

Xehed li bejn il-25 u 26 ta' Mejju baqa' bil-qtugħ ta' nifs. Żied jgħid li fis-26 ta' Mejju rah hu stess u sabu bi qtugħ ta' nifs kif ukoll anzjuż. Jgħid li ma kwalifikax x'kienet ir-raġuni tal-anzjetà.

---

[45] A fol 165 sa 168 tal-proċess 74/2015.
[46] Traskrizzjoni a fol 96 sa 105.

Jgħid li fis-27 ta' Mejju, meta suppost kellu joħrog mill-isptar, kellu wġiegħ f'sidru, qalbu bdiet tgħaġġel ħafna u trasferewh is-CCU. Ikompli sabiex jgħid li fit-30 instab *dehydrated* u mdejjaq (*depressed*) bil-pulmun kien għadu l-istess u allura nżamm fuq il-mediċina tal-pulmun u ngħata wkoll *anti-depressant*. Jgħid li notamenti fuq *anti-depressants* ma kienx hemm qabel din id-darba. Xehed li fit-3 ta' Ġunju sar notament ieħor li *"patient claiming that he is depressed and would like something to sleep"* u ngħata Valium li qatt ma kienet ġiet amminstrata qabel.

Xehed li fil-5 ta' Ġunju kien ingħata drip u t-tabib talab konsulenza psikjatrika fejn rah Dr John Borg li kiteb *"phsyciatric review. Eighty two year old, widowed gentleman, currently in male ward with severe chronic obstructive disease. Started on Paxotene about one week ago. Psychosocial problems: plus plus. Arguments: plus plus plus amongst children re inheritance. Anxious: plus plus. Distressed. No death wishes/suicidal"*. Jgħid li l-psikjatra bdieh fuq Fluanxol u komplilu bil-Paxotene iżda ħalla notament sabiex tiġi evitata il-Valium.

Xehed illi fis-7 ta' Ġunju, 2013 Saviour qaleb għall-agħar u mal-għaxra ta' filgħaxija (10:00pm) kien iċċertifikat mejjet.

**Dun Brian Mejlaq**, Kappillan ta' Kerċem, xehed[47] li lil Saviour Grech jiftakru u kien ilu jafu xi ħames (5) snin qabel miet. Jgħid li ma jiftakarx li tah il-Griżma tal-Morda għax Saviour miet l-isptar fejn jieħdu ħsieb il-qassisin tal-isptar. Jgħid li ma jiftakrux batut u anke jaħseb li baqa' jmur il-knisja sal-aħħar. Jgħid li ma jiftakarx kemm-il darba mar jarah l-isptar u kif kien l-isptar. Jgħid imma illi kieku kien każ estrem ma kienx ser jinsa. Jgħid li ma jiftakarx li Saviour qatt kellmu rigward problemi li kellu. Jgħid li meta kien imur iberiklu kien jilqgħu b'*cocktail* magħmul minnu, li kien ċajtier u gustuż.

[47] A fol 445 sa 449 tal-proċess 74/2015 liema xhieda ġiet reża applikabbli għal din l-istanza permezz ta' verbal quddiem l-assistent ġudizzjarju.

**Dr Robert Sciberras**, tabib mediku, xehed[48] li l-aħħar li daħal l-isptar Saviour Grech kien fit-12 ta' Mejju, 2013. Jgħid li r-riferiment sar fis-6 ta' Mejju, 2013 iżda għal xi raġuni Saviour iddaħħal l-isptar fit-tnax 12. Jgħid li l-isptar kienu diġà jafu li kellu problemi bil-pulmun minn tipjip fil-passat. Jgħid li Saviour kien fuq diversi mediċini fosthom *inhalers* għan-nifs, pilloli tal-qalb. Jgħid li b'kollox kellu ħdax(11)-ilmedicina differenti relatati mal-pulmun u l-qalb. Jgħid li huwa daħal fix-xena fit-13 ta' Mejju, 2013, eżamina lil Saviour u sablu problemi fil-pulmun fejn l-ossiġnu ma kienx jgħaddi sew għalhekk bdieh fuq l-antibijotiċi u l-fiżjoterapija.

Jgħid li fl-14 ta' Mejju għamlulu *CT Scan* u l-għada n-*nurses* irrappurtaw li matul il-lejl kien konfuż u diżorjentat però meta eżaminah sab li ma kienx ħażin infatti minn injezzjonijiet qalbu għall-pilloli. Jgħid li għalihom kien tajjeb biżżejjed, tenut kont tal-*baseline* tiegħu, tant li bdew jaħsbu sabiex jibgħatuh id-dar. Jgħid iżda li filgħaxija kien hemm sejħa mis-sala sabiex lil Saviour jarah tabib. Jgħid li rah Dr.Rapa li sablu qalbu tajba, polz tajjeb, u pressjoni tajba imma nifsu maqtugħ peress li l-pulmun kien dak li kien. Jgħid li minħabba dan Saviour ma ntbagħatx id-dar.

Jgħid li wara li reġa' rah hu kien stabbli u għalhekk beda jaħseb sabiex jibagħtu d-dar iżda huwa beda jgħid li kultant ma jħossux tajjeb u li kellu ħruq ta' stonku. Iżid li Saviour irrifjuta l-mediċina tal-ħruq ta' stonku.

Jgħid li fil-21 ta'Mejju Saviour ma kienx ħazin, kien stabbli u jiekol u kien l-istess fit-tnejn u għoxrin (22). Jikkonferma li huwa niżżel nota li Saviour *"does not want to go home due to presence of*

[48] A fol 451 sa 468 tal-proċess 74/2015 liema xhieda ġiet reża applikabbli għal din l-istanza permezz ta' verbal quddiem l-assistent ġudizzjarju.

*trouble at home"*. Jgħid li huwa stess kiteb ukoll *"problematic son to go back to Australia first (1st) of June twenty thirteen (2013)"*.

Jispjega li huwa lil Saviour ma saqsiehx minn hu dan it-tifel jew x'jismu però jiftakar lil Saviour jgħidlu li ma jridx imur id-dar għalissa minkejja li huwa kien spjegalu li l-isptar hemm riskji ta' infezzjonijiet. Jgħid li f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa ma setax jibagħtu d-dar. Jinsisti li Saviour qallu li ma jistax imur id-dar qabel l-1 ta' Ġunju meta t-tifel tiegħu kien ser jitlaq lura lejn l-Awstralja.

Jgħid li mbagħad fil- 25 ta Mejju, Saviour talab li jmur id-dar it-Tnejn ta' wara u għalhekk bdew isiru l-pjanijiet għal dan il-għan. Ġara iżda li kien hemm sejħa urġenti mis-sala fis-27 ta' Mejju billi Saviour qal kellu wġiegħ f'sidru. Għalhekk il-pazjent ġiet trasferit is-CCU. Wara ġie trasferit lura fis-sala iżda mbagħad Saviour żviluppa qtugħ ta' nifs.

Mistoqsi rigward il-qagħda mentali ta' Saviour jgħid li ftit wara li daħal l-isptar , Saviour kien konfuż u li dan normali meta jkun hemm infezzjoni fis-sider. Jiċċara li l-konfużjoni li semma kienet ħafna qabel it- 28 ta' Mejju u li fit-28 ta Mejju ma nstabx konfuż. Jgħid li fil-fatt dakinhar huwa kellu konversazzjonijiet tajbin ma' Saviour. Iżid jgħid li miegħu Saviour dejjem tkellem tajjeb tant li anke indikalu l-problema li kellu d-dar u d-data qabel liema ma xtaqx imur lura u allura, indikalu dati u kollox, inkluż meta biddel fehemtu rigward li jmur id-dar.

Itenni li huwa reġa' ra lill Saviour fid-29 ta' Mejju fejn sablu infezzjoni fil-pulmun u fil-fatt kien naqaslu l-aptit. Jgħid li reġa' rah fit-30 fejn Saviour qallu li qiegħed ihossu aħjar, ma kellux deni u fil-fatt naqqsulu l-mediċini.

Rigward id-dipressjoni jispjega li din ma tibdiex b'mod istantanju. Jgħid li mill-pilloli kollha li semma qabel ebda waħda

ma kienet tad-dipressjoni. Mistoqsi fuq *side effects* tal-pilloli jgħid li l-pinnoli li kien qed jieħu Saviour ma jaffetwawx il-qagħda mentali tal-bniedem, inkluż kif jirraġuna.

Jgħid ukoll li fis-7 ta' Ġunju 2013 Saviour qaleb għall-agħar f'daqqa, u infatti miet dakinhar. Ix-xhud eżebixxa wkoll kopja tal-file relattiva għall-aħħar darba li ddaħħal l-isptar Saviour.[49]

**In kontroeżami**,[50] jgħid li meta daħal l-isptar l-aħħar darba l-uniċi problemi li kellu Saviour kienu relatati mal-qalb u l-pulmun. Jgħid illi kieku Saviour kien konfuż din kienet tkun l-ewwel ħaġa li kien jikteb il-psikjatra. Jgħid li iżda l-psikjatra jidher li kellu konverżazzjoni dettaljata ma' Saviour liema konverżazzjoni tikkumbaċja ma' dak li kien qal Saviour lilu. Jgħid li lilu Saviour semmielu biss tifel li huwa ma jafx x'jismu u qatt ma ltaqa' miegħu. Jgħid li għalkemm Saviour ma tahx isem it-tifel indikalu li l-istess kien sejjer lura l-Awstralja fl-1 ta' Ġunju.

Jgħid li mit-23 ta' Mejju, sa meta miet, huwa ra lill Saviour prattikament kuljum u dejjem sabu orjentat u l-kommunikażżjoni miegħu kienet ċara. Jgħid li kieku ma kienx hekk kien jagħmel notament ta' dan. Jgħid li m'hemm ebda indikażżjoni li ma kienx *compos mentis*.

**In rieżami**,[51] jgħid li fir-rigward tad-dwejjaq li kien iħoss Saviour kien qalilhom, fit-23 ta' Mejju, li dan kien minn problema familjari. Jgħid li huwa kien iħallih liberu jitkellem però ma jsaqsihx filwaqt li l-psikjatra saqsa għal aktar dettalji. Jgħid li minkejja li kien qallu li hemm riskju ta' infezzjoni, Saviour kien ipprefera jibqa' l-isptar milli jmur id-dar.

---

[49] A fol 479 sa 497 tal-proċess 74/2015.
[50] A fol 468 sa 472 tal-proċess 74/2015.
[51] A fol 472 sa 473 tal-proċess 74/2015.

**Dr John Borg**, psikjatra, xehed[52] illi ċ-ċertifikat a fol 11 tal-proċess inħareg minnu u huwa ffirmat minnu. Xehed illi lil Saviour Grech jiftakru. Jgħid li kienu għajtulu familjari tiegħu, li ma jiftakarx min huma, sabiex imur jarah u kien mar jarah id-dar. Jgħid li għamillu *full mental state examination,* u staqsih kienx kuntent jagħmel testment. Jgħid li jiftakar li waqt l-ezami ta' Saviour kien hemm xi familjari tiegħu preżenti. Iżid jgħid, però, li xħin jasal f'ċertu punt tal-eżami huwa jkeċċi lil kulħadd minn hemm u jkellem lill-pazjent waħdu.

Jispjega li l-mansjoni tiegħu bħala psikjatra hija li jara li l-pazjent *compos mentis,* li jaf x'qed jagħmel u x'ġurnata hi, u li huwa jkun ċert li dan irid jagħmel dak li qed jiġi mitkellem fuqu volontarjament, mhux għax sforzat. Jgħid li huwa tal-fehma li jekk qed jeżamina pazjent fil-preżenza ta' terz, hemm *chances*, u allura huwa jkeċċi lil kulħadd 'il barra. Jinsisti li huwa lil Saviour rah f'dar Ta' Kerċem, imma mhux ċert din kinitx id-dar tiegħu. Jispjega li huwa jistaqsi għaliex ikun intalab is-servizz tiegħu u li jekk jiftakar sew f'dan il-każ in-necessità taċ-ċertifikat kienet minħabba bżonn li jsir testment. Muri d-dokumenti esebiti mir-rappreżentant tal-isptar, inkluż dawk bin-notamenti tiegħu, jgħid li n-noti niżżilhom meta invista lil Saviour fir-rwol tiegħu ta' speċjalista fl-isptar.

Rigward iċ-ċertifikat rilaxxat minnu a fol 11 jispjega li huwa jkun ħadu miegħu dakinhar stess li jkun hemm Nutar sabiex isir testment imma huwa jiffirmah biss wara li jeżamina lill-pazjent u jekk ikun kuntent li l-pazjent jkun idoneu, jekk le, iqatta' ċ-ċertifikat.

Jirrepeti li meta huwa jintalab joħroġ ċertifikat bħal dak esebit, ma jarax biss li l-pazjent ikun *compos mentis,* iżda wkoll li jkun irid, volontarjament, jirrilaxxa li skrittura li magħha jkun ser jiġi anness iċ-ċertifkat ta' *compos mentis* u, jekk ma jkunx, jew jekk

[52] Traskrizzjoni a fol 145 sa 160.

huwa jinduna li dan sforzat, huwa ċ-ċertifikat ma jirrilaxxahx. Jgħid li huwa jsaqsi direttament lill-pazjent hux kuntent jagħmel l-iskrittura li tkun qed tiġi proposta. Jgħid li meta ra lil Saviour privatament, huwa kien kuntent jirrilaxxa ċ-ċertifikat a fol 11, u meta rah bħala konsulent speċjalista tal-isptar ħalla n-notamenti opportuni. Jikkonferma li fil-file tal-isptar kiteb li kien hemm ħafna argumenti u, fir-rigward tal-*plusses*, jgħid li dawn jirriflettu l-gravità tas-sitwazzjonijiet partikolari. Jgħid li s-sistema hija suġġettiva ħafna, imma fejn għamel *plus, plus, plus*, bħal fil-każ tal-argumenti, dan ifisser li kien hemm ħafna argumenti. Jgħid li l-argumenti kienu l-problema prinċipali, u li huwa ovvju li Saviour kien qiegħed jinkwieta bl-argumenti. Jgħid li l-fatt li pazjent jieħu *anti-depressants* ma jfissirx li ma jkunx jista' jagħmel testment. Jgħid li xi ġimgħa qabel rah l-isptar lil Saviour kienu bdewlu l-Paroxetine li hija *anti-depressant*. Jgħid li din ma kienx ippreskriviha hu. Jgħid li bniedem b'dipressjoni ħafna drabi jkollu l-intier tal-kapaċitajiet mentali tiegħu.

**In kontroeżami,**[53] wara li ħa konjizzjoni tal-minuta mill-file tal-isptar ta' Saviour li tgħid *"patient does not want to go home due to pressure or trouble at home, probably now son to go back to Australia…"* jispjega li din ma nkitbitx minnu iżda minn Dr Robert Sciberras u ma jistax jaqraha kollha però jagħraf il-kliem *"son"* u *"Australia"* u jinsisti li huwa jista' biss jgħid li fejn huwa kiteb *"arguments: plus, plus, plus"* li jfisser li argumenti kien hemm ħafna u Saviour kien anzjuż rigward dan.

Jikkonferma li huwa bħala konsulent psikjatriku tal-isptar issejjaħ sabiex jara lil Saviour mill-ispeċjalista kuranti ta' Saviour peress li Saviour kien anzjuż. Mistoqsi jarax korrelazzjoni bejn dan u bejn in-notament ta' Dr Robert Sciberras jgħid li probabbli kien hemm. Jinsisti però li Dr Sciberras jista' jirrispondi aħjar fuq dan iżda jerġa' jgħid li korrelazzjoni bejn in-notament ta' Dr Sciberras u tiegħu li saru xi jiem wara hemm żgur. Jgħid ukoll li

[53] A fol 152 sa 157.

mingħajr ma jara kliem ħaddieħor (Dr Sciberras), huwa dan xorta qalu fi kliem ieħor meta kiteb *psychosocial problems: plus plus*.

Jerġa' jgħid li dakinhar li rrilaxxa ċ-ċertifiakt tiegħu a fol 11 huwa kkonferma li Saviour kien fil-pieni poteri mentali tiegħu u kellu l-volontà li jagħmel testment għax kieku huwa ma kienx jirrilaxxa ċ-ċertifikat. Jgħid ukoll li huwa dejjem jinsisti li ċ-ċertifikat għandu jsir fl-istess ġurnata li jkun ser jattendi n-Nutar għax finalment pazjent jista' li llum ikun tajjeb u għada le.

**In rieżami**,[54] jinsisti li huwa dejjem jgħidilhom li d-data taċ-ċertifikat tiegħu trid tkun taqbel mad-data tat-testment.

**In kontroeżami ulterjuri**,[55] mistoqsi dwar iċ-ċertifikat tiegħu a fol 11 (datat it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013), in-notamnet tiegħu fil-file tal-isptar li daħħal nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju, 2013 u n-notament ta' Dr Sciberras ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju, 2013, jgħid li jidher li l-ansjetà f'Saviour immanifestat ruħha minħabba pressjoni li kienet qiegħda ssir. Iżid jgħid li għalkemm huwa m'għandux dettalji jidher li għall-aħħar ta' Mejju sar testment, Saviour ġie anzjuż, xi ħadd bdieh bil-Paxatin għax skont in-notamenti tiegħu *"was started on Paxatin a week ago"*, hu rah fil-ħamsa (5) ta' Ġunju l-isptar u sabu anzjuż. Jikkonkludi sabiex jgħid li l-affarijiet ma jistgħux ikunu aktar ċari.

**Dr Martin Cutajar,** tabib mediku, xehed[56] li Saviour Grech kien pazjent privat tiegħu u kien ilu hekk sa mill-1993 sa meta miet. Jgħid li l-problema prinċipali ta' Saviour kienet ta' *chronic obstructive airways disease* ossia; problema tal-pulmun u qtugħ tan-nifs. Jgħid li bħala saħħa mentali Saviour kien luċidu u qatt

[54] A fol 157 sa 159.
[55] A fol 159 sa 160.
[56] A fol 170 sa 174.

ma kellu problemi mentali. Jgħid li kienu jkunu jew Rita jew Miriam (il-konvenuti) li kienu jċemplulu sabiex imur jara lil Saviour id-dar u li Saviour ġieli anke rah fil-klinika tiegħu fejn kien ikun akkumpanjat minn Rita jew Miriam. Jinsisti li sa meta rah huwa, anke xi żmien qabel li miet, Saviour kien luċidu, kien jiċċajta miegħu, u l-problemi li kellu kienu biss fiżiċi, bil-pulmun. Jgħid li fuq Rita u Miriam Saviour kien jgħid biss li jieħdu ħsiebu. Jgħid li qatt ma żaru f'daru u sabu maħmuġ jew ra li d-dar maħmuġa. Jgħid li apparti Rita u Miriam jaf li Saviour kellu xi tfal barra minn Malta però dawn qatt ma tkellmu fuqhom.

**In kontroeżami**,[57] jikkonferma li Saviour qatt ma semmielu lil uliedu msiefrin. Jgħid ukoll li qatt ma ltaqa ma' ħadd fid-dar ta' Saviour għajr għal Rita u Miriam. Jgħid li fl-aħħar sentejn qabel miet — Saviour miet fl-2013 — huwa kien mar fid-dar ta' Saviour circa erba' (4) jew ħames (5) darbiet però minn dan mhux ċert. Jgħid li ma jiftakarx li qatt rah fl-isptar għaliex huwa jaħdem privatament biss. Jgħid li mir-*records* tiegħu m'hemm ebda indikazzjoni li Saviour kien ibati minn dipressjoni però ma jafx jekk kellux xi episodji ta' dipressjoni waqt li kien l-isptar. Jgħid li huwa lil Saviour qatt ma rah anzjuż, jafu jiċċajta biss. Jgħid li jaħseb li rah xi xahrejn qabel miet. Jgħid ukoll li kien ilestilu borża ful kull meta jmur għandu.

**Ġuża Spiteri**, ġara ta' Saviour Grech[58] tgħid li kienet toqgħod kważi faċċata ta' Saviour, li hija għandha 'l fuq minn sebgħin (70) sena u ilha tafu minn dejjem. Tgħid li Saviour kellu erbat (4) itfal; Rita, Miriam, Joseph u Lina b'Joseph u Lina qegħdin l-Awstralja. Tgħid li wara mewt martu Pawla, id-dar kienu jieħdu ħsieb inaddfuha wliedu Rita u Miriam. Tgħid li lil Rita u lil Miriam biss kienet tara hemm. Tgħid li magħha kien jitkellem fuq uliedu u lil Rita u Miriam kien jirrispettahom kif huma kienu jirrispettaw lilu. Tgħid li lil uliedu tal-Awstralja ġieli

[57] A fol 174 sa 177.
[58] A fol 178 sa 186.

semmiehom magħha però fuq affarijiet ta' kuljum mhux familjari. Tgħid li kienu Rita u Miriam li jieħdu ħsiebu. Tgħid li l-isptar kienet marret tarah darbtejn u magħha tkellem tajjeb. Tgħid li l-aħħar li ratu kien l-isptar u ma kienx jhewden kien kellimha sew fejn kien jaf x'inhu jgħid u x'qed jagħmel.

**In kontroeżami**,[59] tgħid li r-rikorrenti Joseph Grech kien joqgħod ma' missieru meta kien jiġi mill-Awstralja. Tgħid li fit-triq kienet tarahom jitħadtu sew lil Joseph u lil missieru imma fid-dar ma tafx. Tgħid li Saviour qatt ma qalilha xejn rigward Joseph. Tinsisti li l-isptar kien kellimha sew, għarafha u saqsiha kif inhi. Tgħid li meta ratu l-isptar kien hemm Rita u taħseb li kien hemm anke żewġha Michael fejnu. Tgħid li darba sabet anke lil mara ta' Joseph hemmhekk.

**Rita Calleja**, waħda mill-konvenuti, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[60] Tgħid li missierha miet fis-sebgħa (7) ta' Ġunju, 2013 u ommha għaxar (10) snin qablu, fl-2003. Tgħid li ħutha Joseph u Lina ilhom l-Awstralja 'l fuq minn erbgħin sena. Tgħid li dawn ħutha wara li emigraw ġew Malta xi drabi għall-btajjel. Tgħid li wara li mietet ommha kienu jduru b'missierha hi u oħtha Miriam. Tgħid li kienu jieħdu ħsieb it-tindif u hasil ta' ħwejjeġ però huwa kien baqa' jsajjar. Tgħid li kienu jieħduh il-qadjiet li kien ikollu inkluż għand it-tabib privat tiegħu, Dr Martin Cutajar, jew l-isptar. Tgħid li ġie li anke ħadithu għand is-Sur Robert Sciberras għal xi konsulta. Tgħid li kienet anke tieħu ħsieb tiġborlu l-mediċina li kien jeħtieġ.[61]

Rigward il-manutenzjoni fid-dar ta' missierha tispjega li kienu jieħdu ħsieb żewġha Michael u iben oħtha Miriam li jismu Roderick. Tgħid li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu jħallsuhom hi u oħtha Miriam, inkluż meta ħuha Joseph kien ikun Għawdex

---

[59] A fol 186 sa 190.
[60] Ippreżentat b'nota tal-konvenuti tat-tmintax (18) ta' Mejju, 2021, a fol 203 (in-nota) u a fol 204 sa 208 l-affidavit.
[61] Teżebixxi l-kartun tal-*Pharmacy of Your Choice* (POYC), a fol 209.

mill-Awstralja u joqgħod ma missierhom, u baqgħu jagħmlu hekk anke wara mewt missierhom.

Tissokta li missierha kien ilu jixtieq jikkumpensa lilha u lil oħtha Miriam. Tgħid li huma qatt u ħadu flus mingħand missierhom ta' li kienu jagħmlu. Tgħid li ħuha Joseph kien jiġi Għawdex biex jinkwieta lil missierhom billi jindaħal anke fuq x'għandu jagħmel b'ġidu. Tgħid li missierha kien jibża' minn ħuha Joseph u li meta Joseph kien ikun Għawdex fuq btala missierha kien ikollu dwejjaq kbar u kienet tgħollielu l-pressjoni bl-inkwiet.

Tgħid li missierha kien jgħidilha li Joseph kien idejqu jargumenta miegħu fuq il-wirt. Tkompli li missierha kellu biss problemi respiratorji minħabba li għamel snin twal ipejjep iżda ma kien ibati minn xejn iżjed u xejn ta' natura mentali. Tgħid li hi u oħtha Miriam saru jafu bit-testment ta' missierhom wara l-mewt tiegħu u li huma qatt ma' ndaħlulu x'jagħmel bi ħwejġu. Tgħid li l-isptar, hi u Miriam kienu jżuru lil misiserhom filgħodu u waranofsinhar u lejn l-aħħar, meta tħallew jagħmlu dan, kienu anke jibqgħu għall-ħinijiet itwal. Tgħid li Joseph baqa' jaqla' l-inkwiet lil missierhom anke fuq is-sodda tal-mewt iżda missierha rreżista l-pressjonijiet li kien jagħmel fuqu Joseph. Tgħid li missierha kien jieħu kedda b'Joseph tant li kien jipprova jevitah u kien anke pprefera jibqa' l-isptar milli jmur lura daru fejn kien hemm ibnu.

**In kontroeżami**[62] xehdet illi saħħet missierha bdiet tiddetorjora minn qisu sentejn wara li mietet ommha u dan b'riżultat tat-tipjip. Tgħid li beda bin-*nebuliser* u minn hemm mxew skont l-ordnijiet tat-tabib. Tgħid li mbagħad beda dieħel iż-żmien u t-tabib ordnalu l-maskla. Tgħid li taqbel li l-mediċini li kien jieħu missierha kienet dik li semma t-tabib fix-xhieda tiegħu. Tgħid li l-aħħar li missierha ddaħħal l-isptar kien fuq ordni tat-tabib u ħaduh hija u oħtha Miriam.

[62] A fol 284 sa 306.

Tikkonferma li hija saret taf bl-aħħar testment ta' missierha mir-riċerka li saret wara mewtu. Mistoqsija minn kien li ċempel lin-Nutar Mariosa Grech sabiex tmur tagħmel testment lil missierha stante li n-Nutar xehdet li kien leħen ta' mara tgħid li hija ma kinitx ċemplet żgur. Mistoqsija jekk jistax ikun li l-psikjatra ra lil missierha f'daru meta dan kien diġà l-isptar fid-data taċ-ċertifikat li rrilaxxa l-istess psikjatra tgħid li hija ma tafx fuq dan però, mill-mod kif iddeskriva d-dar il-psikjatra jista' jagħti l-każ li l-psikjatra tgerfex ma' xi ħaddieħor.

Mistoqsija kif kienet saħħet missierha bejn it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013 (data ta' meta għamel l-aħħar testment tiegħu) u s-sebgħa (7) ta' Ġunju, 2013 (data ta' meta miet), tgħid li kien bil-maskla tal-ossiġnu iżda mhux il-ħin kollu u li kien ikellimha sew.

**Miriam Borg**, il-konvenuta l-oħra, ukoll xehdet bil-proċedura ta' l-affidavit.[63] Tibda billi tikkonferma l-affidavit ta' oħtha Rita Calleja. Tgħid li ħutha l-atturi ilhom l-Awstralja u matul is-snin li ilhom hemm kienu jiġu Għawdex għal xi btajjel u qatt ma meddew idhom għal li kien ikollu bżonn missierhom. Tgħid li ħuha Joseph kien jiġi Għawdex biex jinkwieta lil missierhom u baqa' jagħmel hekk sal-mewt tiegħu. Tgħid li missierha kien jirrabja ħafna meta Joseph kien jindaħallu, partikolarment fuq ġidu u x'għandu jagħmel bih. Tgħid li missierha baqa' f'sensih sa mewtu u baqa dejjem jirreżisti l-pressjonijiet ta' Joseph. Tgħid li missierha kien jieħu qatgħa meta jsir jaf li Joseph kien ikun ġej mill-Awstralja. Tgħid li hi u oħtha Rita bdew iduru b'missierha wara l-mewt ta' ommhom. Tgħid li kienu jinqasmu bejniethom però t-tindif tad-dar ta' missierhom kienu jagħmluh flimkien u l-ħasil ta' ħwejġu kienu jaqsmuh bejniethom. Tgħid li għand missierha kienu jmorru kuljum flimkien ma' żewġha Michael u

[63] Ippreżentat b'nota tal-konvenuti tal-erbgħa (4) ta' Ġunju, 2021, a fol 210 (in-nota) u a fol 211 sa 214 l-affidavit.

kienu jieħdu ħsieb jippreparawlu l-pompa tan-nifs peress li missierha kien ibati bin-nifs stante snin twal ta' tipjip.

Tkompli li billi oħtha Rita ssuq kienet hija li tieħdu l-appuntamenti għand it-tobba u l-visti l-isptar. Tgħid li missierha kien juri gratitudni lejha u lejn Rita u dejjem xtaq jikkumpenshom. Tgħid li hija saret taf bit-testment li għamel missierha wara l-mewt tiegħu, meta saru r-riċerki. Tgħid li missierha baqa' f'sensih sal-aħħar u qatt ma bata minn ebda problemi mentali.

**In kontroeżami**[64] tgħid li missierha mak ienx jidħol l-isptar b'mod regolari. Tgħid li l-isptar kienet tieħdu oħtha Rita u hi kienet takkumpanjaha. Tgħid li hi kienet tmur tara lil missierha kuljum. Tgħid li hi toqgħod qrib tad-dar ta' missierha u għalhekk s'għandu kienet tmur bil-mixi jew kienet tmur għaliha oħtha Rita. Tgħid li għand missierha kienu jkunu hi u Rita flimkien u jaraw x'hemm bżonn. Tgħid li missierha miet fl-2013 u li saħħtu kienet marret lura minn meta mietet ommha.

Tispjega li missierha kien ibati bil-qtugħ ta' nifs peress li kien ipejjep ħafna. Tgħid li wara l-2010 missierha kien batut ħafna tant li Michael kien jeħodlu t-tankijiet tal-ossiġnu mill-isptar. Tgħid li Rita kienet tagħtih il-*ventolin* mas-salina (*saline*). Tgħid li lejn l-aħħar ta' ħajtu kien jieħu xi mediċini inkluż tal-pressjoni u li dawn kienet iġġibhomlu Rita mill-ispiżerija. Issemmi wkoll pilloli oħrajn li kien jieħu. Tgħid li t-tabib kuranti tiegħi kien Dr Cutajar. Tgħid ukoll li kull xahar kien jara lil Dr Robert Sciberras u kienu wkoll jeħduh l-isptar għal vista. Tgħid li l-aħħar li daħal l-isptar kien fl-2013 u miet fis-sebgħa (7) ta' Ġunju, 2013. Tgħid li dawk l-aħħar għaxart (10) ijiem ta' ħajja fl-isptar missierha kien batut bin-nifs. Tgħid, iżda, li xorta kien baqa' jkellimha sew u dejjem baqa' jirraġuna sew. Tgħid li kien isaqsiha x'kienet tagħmel qabel waslet fejnu u minn fejn kienet ġejja. Tgħid li hija

[64] A fol 307 sa 340b.

u Rita kienu jmorru jarawh u ħuha Joseph ġieli nzertatu dieħel l-isptar waqt li hi tkun ħierġa. Rigward oħtha Lina tgħid li din ma' kinitx ġiet mill-Awstralja.

Rigward l-aħħar testment li għamel missierha tgħid li ma kinitx taf bih u saret taf bih biss meta saru r-riċerki. Tgħid li hi ma ħaditx sorpriża li missierha ħalla l-post fejn kien jgħix lilha u lil Rita għaliex missierha kien dejjem jgħid li jrid jikkumpensahom għax kien jgħid li lilhom isib mhux lil tal-Awstralja. Tinsisti li ma tafx min ċempel lin-Nutar sabiex missierha jagħmel it-testment.

Mistoqsija jekk il-psikjatra kienx jigdeb meta qal li ra lil missierha d-dar meta dan kien l-isptar dakinhar li l-psikjatra rrilaxxa ċ-ċertifikat tiegħu tgħid li hija ma tistax tixhed dwar dan għax hi ma kinitx taf li sar dan it-testment. Tinsisti li saret taf bih biss meta saru r-riċerki. Tgħid li ħuha Joseph, meta kien ikun Għawdex, kien joqgħod għand missierha u missierha ġieli qallu jmur fid-dar tiegħu għax ma kienx għadu jiflaħ iżda hu kien jibqa' għand missierhom.

**In rieżami** fl-istess data,[65] tgħid li meta kien ikun Għawdex ħuha Joseph kien joqgħod għand missierhom għax il-post tiegħu f'Għawdex kien mikri lil terzi. Tgħid li huwa kien jidħol fil-post ta' missierha b'ċavetta li jħallilu missierha.

**Michael Calleja**, żewġ il-konvenuta Rita Calleja, xehed bil-proċedura tal-affidavit[66] u jafferma li lill-ġenituri ta' martu jafhom jarmu s-saħħa b'Saviour beda jmajna ftit wara l-mewt ta' martu Pawla. Jgħid li Saviour kien ibati biss bin-nuqqas ta' nifs minħabba li għamel żmien ipejjep ħafna tant li spiċċa bil-pompa tan-nifs. Jgħid li Saviour kellu erbat (4) itfal, martu Rita u ħutha Miriam, Joseph u Lina b'Joseph u Lina jinsabu l-Awstralja. Jgħid

---

[65] A fol 340b sa 340d.

[66] Ippreżentat b'nota tal-konvenuti tal-ħdax (11) ta' Ġunju, 2021, a fol 215 (in-nota) u a fol 216 sa 218 l-affidavit.

li wara mewt martu, lil Saviour kienu jduru bih martu Rita u oħtha Miriam. Jgħid li xogħol ta' manutenzjoni f'dar Saviour kienu jagħmluh huwa u żewġ Miriam, Joseph u, wara mewt żewġ Miriam beda jgħin binha Roderick. Jgħid li huwa kien ukoll jieħu ħsieb inaddaf il-ħmieġ tal-annimali ta' Saviour u li Saviour kien jindikalu huwa f'liema għalqa kellu jġorr l-istess. Jgħid li Joseph u Lina qatt ma ħadu ħsieb xejn meta kienu jkunu Għawdex għal-btajjel mill-Awstralja anzi, Joseph kien jagħti keded kbar lil missieru. Jgħid li Saviour kien ikollu dwejjaq kbar meta kien jisma' li ġej Joseph u kien jieħu r-ruħ malli jitlaq. Jgħid li Saviour qatt ma semma xejn dwar it-testment li għamel u li lilu kien jgħidlu biss li allajħares ma kellux lil Rita u lil Miriam.

**In kontroeżami**[67] xehed illi lil Saviour kien ilu jafu minn mindu beda jkellem lil bintu Rita, jiġifieri mill-1986. Jgħid li miegħu kellu relazzjoni tajba ħafna kif kienet tajba wkoll mar-rikorrenti Joseph u Lina. Jgħid li lejn l-aħħar, meta Joseph kien Għawdex fuq btala mill-Awtsralja, inqalgħet kwistjoni li rrisolvew quddiem avukat. Jgħid li l-kunflitt kien jirrigwarda xi kirja li kien jieħu ħsieb huwa u li d-dħul minnha kellu jinqasam bejnu u bejn Joseph. Jgħid li dan id-diżgwid inqala' ftit jiem qabel miet Saviour. Jgħid li Saviour kien inkwieta fuq din il-biċċa u kien jgħidlu li Joseph ser jaqlagħlu xi waħda imma huwa kien jgħidlu ma jinkwetax għax dak bejnu u bejn Joseph.

Jgħid li s-saħħa mentali ta' Saviour baqgħet tajba sal-aħħar minuta, kien biss in-nifs li kellu ħażin. Jgħid li huwa kien spiċċa l-unika raġel wara li miet żewġ Miriam u għalhekk waqa' ħafna xogħol fuqu inkluż li jieħu t-tankijiet tal-ossiġnu lil Saviour. Jgħid li l-ossiġnu kien jieħu ħsiebu hu sabiex jingħataw il-persentaggi kif suppost. Jgħid li l-miżuri tal-*ventolin* u *saline* kienu jittieħdu b'siringa u jiġu injettati fil-maskla tal-ossiġnu. Jgħid li lejn l-aħħar lil Saviour żdiditlu l-mediċina u allura kien ilestulu kaxxa *pill organiser* sabiex ma jitgerfixx. Mistqosi fuq il-

[67] A fol 235 sa 258.

pilloli ta' dipressjoni li ngħata Saviour lejn l-aħħar ta' ħajtu jgħid li huwa b'dan ma jafx però jaf li Saviour baqa' sal-aħħar minuta f'sensih, kien inkwetat, però f'sensih.

Ikompli jgħid li Saviour kien igerger kull meta jiġi Joseph mill-Awstralja u dan għax kien jibża' minn Joseph. Jgħid li fuq Joseph, Saviour kien jgħidlu li huwa ma jafux lil Joseph u huwa kien jgħidlu, dak ibnek. Jgħid li huwa sar jaf bl-aħħar testment ta' Saviour meta saru r-riċerki. Jgħid li xi ġimgħa qabel miet Saviour kien qallu li jpattihielu (lil Joseph)[68] però ma jafx x'rid jgħid biha. Mistoqsi jafx lix-xhieda li dehru fuq l-aħħar testment ta' Saviour, li lkoll huma staff tal-isptar bħalu, jgħid li wieħed jafu imma l-ieħor le.

## Ċ. Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża li biha l-atturi qegħdin jokkontestaw testment magħmul minn missierhom, Saverio *sive* Saviour Grech, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013 in atti Nutar Mariosa Grech u dan, fuq żewġ binarji:

**1.** Fuq allegazzjoni li l-kunsens ta' missierhom fuq l-imsemmi testment kien kaptat mill-konvenuti bħala eredi nominati fit-testment ikkontestat, u;

**2.** Fuq allegazzjoni li dakinhar li sar it-testment ikkontestat missierhom ma kienx fi stat ta' saħħa mentali adegwata sabiex jiddisponi minn ġidu.

Ir-rikorrenti talbu għalhekk lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-kunsens ta' missierhom Saverio *sive* Saviour Grech kien kaptat mill-eredi u vizzjat minn-nuqqas ta' saħħa mentali adegwata u,

[68] Ix-xhud ma ġiex mistoqsi jiċċara fuq minn kien qiegħed jgħid meta d-decujus qal din il-kelma (inpattihielu) però, mill-assjem tax-xhieda, il-Qorti hija sodisfatti li hawnhekk kien qiegħed jitkellem fuq ir-rikorrenti Joseph Grech.

konsegwentement, tiddikjara l-istess testment bħala null u bla effett u tiddikjara minflok li s-suċċessjoni ta' Saverio *sive* Saviour Grech għandha tkun regolata b'testment magħmul preċedentement għal dak ikkontestat, ossia; it-testment li d-decujus għamel *unica charta* ma' martu premorjenti lilu u datat id-dsatat (19) ta' Awwissu, 1991 in atti Nutar Paul George Pisani.

Naturalment, huwa ċar li ż-żewġ binarji tar-rikorrenti ma jistgħux jissussistu flimkien stante illi jew it-testatur kien kapaċi jagħmel testment iżda ġie mġiegħel jew imbeżża' biex jiffavorixxi lil xi ħadd a skapitu ta' ħaddieħor, jew inkella ma kien kapaċi xejn għax kien milqut minn infermità mentali.[69]

Il-konvenuti laqgħu għal dan billi, apparti eċċezzjoni ulterjuri li sejra tiġi trattata minn din il-Qorti immedjatament wara dan il-paragrafu, eċċepew li t-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li meta sar it-testment ikkontestat, missierhom kien, kif baqa' anke wara, fil-pussess tal-fakoltajiet mentali kollha tiegħu bit-testment ikkontestat huwa għamlu minn jeddu mingħajr ħadd ma' ġiegħlu, u mingħajr ingann minn terzi.

Magħdud dan, il-Qorti sejra qabel xejn tibda sabiex tiddisponi mill-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li taqra:

1. *Illi fl-ewwel lok Saviour sive Sunny Grech[70] irid jipprova l-mandat li huwa għandu ta' Nikolina sive Lina Borg stante li fir-rikors guramentat, minkejja dak li jingħad, ma ġiet annessa jew ipprezentata l-ebda prokura tal-assenti. Fin-nuqqas li tiġi pprezentata tali prokura l-esponenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju minħabba n-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju […]*

[69] Rif.: Reverendu Saċerdot Giuseppe Desira vs Noel Agius et, P.A. 5.10.1994.
[70] *Sic* – fir-rikors ġuramentat il-mandatarju huwa indikat bħala Saviour *sive* Sunny Cassar.

Il-Qorti tinnota li b'nota ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar is-sbatax (17) ta' Frar, 2016[71] u mdaħħla fl-atti proċesswali ta' din il-vertenza l-konvenuti rtiraw din l-eċċezzjoni wara li ppremettew li ħadu konjizzjoni tal-fatt li fl-istess atti proċesswali ġew ippreżentati l-prokuri tal-assenti.

Għaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi Saverio *sive* Saviour Grech, id-decujus, li jiġi missier il-partijiet kontendenti, miet nhar is-sebgħa (7) ta' Ġunju, 2013 fir-Rabat, Għawdex u dan skont ma' jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu numru 165/2013.[72]

Mir-riċerki li saru fuqu rriżulta li huwa ma ħalla ebda testment sigriet iżda kien għamel żewg (2) testmenti pubbliċi, wieħed fid-dsatax (19) ta' Awwissu, 1991 in atti Nutar Paul George Pisani u ieħor fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013 in atti Nutar Mariosa Grech.[73]

Bit-testment tat-(28) ta' Mejju, 2013 in atti Nutar Mariosa Grech,[74] id-decujus ippremetta kif isegwi:

> *L-EWWEL ARTIKOLU*
> *Peress illi t-testatur Saverio Grech jinsab kapaci skont il-ligi li jiddisponi minn gidu għal wara mewtu u peress illi jixtieq jagħmel it-testment tiegħu, huwa sejjahli volontarjament għal dan it-testment li bis-sahha tiegħu qed jiddisponi kif ġej.*
>
> *IT-TIENI ARTIKOLU*

[71] A fol 20.
[72] A fol 4 tal-proċess.
[73] Riċerki a fol 5 sa 8, testment tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013 a fol 9 sa 11.
[74] A fol 9 sa 11.

*It-testatur qabel xejn qed jirrevoka u jannulla kwalsijasi testment u dispozizzjoni testamentarja li seta' għamel sal-lum, kemm waħdu kif ukoll unica charta ma' martu (li llum hija mejta), u jrid u jordna li l-wirt tiegħu jiġi regolat minn dan it-testment tal-lum biss.*

*[…]*

*IT-TMIEN ARTIKOLU*
*[…]*

*Għal kull buon fini qed jiġi hawn anness certifikat mediku illi t-testatur talabni biex nannettilu ma' dan it-testment u li juri l-kapacita' mentali tiegħu biex jidher u jordna dan it-testment tal-lum, liema certifikat qed jiġi hawn anness u mmarkat Dokument X.*

Iċ-ċertifikat mediku msemmi fit-tmien artikolu tat-testment tad-decujus kien rilaxxat mill-psikjatra Dr John Borg MD, CCST (Psych) nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2013 u jikkonferma li l-istess psikjatra eżamina lit-testatur fid-data taċ-ċertifikat u sab u ċċertifika lill-istess testatur bħala bniedem fi stat ta' saħħa mentali tajba, kompletament luċidu u orjentat, minghajr impedimenti fil-ħsieb u ġudizzju u allura; fil-pieni poteri mentali tiegħu.[75]

Qabel dan it-testment, id-decujus kien għamel ieħor, *unica charta*, flimkien ma' martu Pawlina Grech, li mietet qablu nhar l-erbgħa (4) ta' Frar, 2001. Dan it-testment jinsab in atti a fol 121 sa 122 tal-proċess. Bih, wara li ddisponew minn ġidhom, it-testaturi pprovdew ukoll kif isegwi:

*IL-ĦAMES ARTIKOLU*

[75] Ċertifikat tal-Psikjatra Dr John Borg a fol 11.

*It-testaturi jaghtu l-fakolta' lit-testatur superstiti li jkun jista' jimmodifika l-prezenti dispozizzjonijiet testamentarji għal dak li jirrigwarda hwejgu minghajr ma' jinkorri l-penalitajiet altrimenti disposti mil-Ligi.*

Tenut dan, l-ewwel eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak li tara jekk dakinhar li għamel it-tieni u l-aħħar testment tiegħu, id-decujus, kellux il-fakoltajiet mentali neċessarji sabiex jagħmel dak it-testment u jiddisponi minn ġidu validament skont il-provizjonijiet legali applikabbli u li, jekk kellu tali fakoltajiet, ma kienx b'xi mod influenzat jagħmel dispożizzjonijiet kontra l-volontà tiegħu.

Mill-assjem tal-provi rriżulta li d-decujus qatt ma kellu kwistjonijiet ta' saħħa mentali u l-unika darba, semmai, li ġiet ripurtata xi tip ta' ansjetà jew dipressjoni kien meta ddaħħal l-isptar għall-aħħar darba, qabel ma miet. Din l-ansjetà jew dipressjoni ġiet indirizzata mid-diversi tobba u mill-psikjatra kuranti d-decujus bit-tabib prinċipali tiegħu jgħid li dan kien normali tenut kont tal-fatt li l-istess immanifestat ruħha jumejn wara li ddaħħal l-isptar l-aħħar darba, fejn allura kien anzjuż anke minħabba l-istat ta' saħħa fiżika tiegħu u peress li ma kienx f'daru, u lejn l-aħħar jiem ta' ħajtu minħabba kwistjonijiet familjari. Dr Borg, il-psikjatra li kkura lil Saviour l-isptar inzerta kien l-istess psikjatra rrilaxxa ċ-ċertifikat fl-istess data tal-aħħar testment tad-decujus, liema ċertifikat ġie anke anness mal-aħħar testment tiegħu. Dan il-psikjatra xehed ċar u tond li apparti l-fatt li kien a konjizzjoni tal-kawża tal-ansjetà tad-decujus afferma bl-aktar mod kategoriku li l-ansjetà jew dipressjoni li kien afflitt minnha d-decujus ma twassalx għan-nuqqas ta' potenzjal mentali sabiex persuna tkun tista' tagħmel testment u tiddisponi mill-ġid tagħha skont il-volontà tagħha.

Irriżulta wkoll li f'ħajtu d-decujus baqa' kważi għalkollox indipendenti sa kważi l-aħħar nett fejn, għalkemm il-ġara u ż-

żewġt uliedu Miriam u Rita kienu jtuh daqqa t'id bil-faċendi u qadi, huwa kien isajjar għalih inniffsu, kien jieħu ħsieb tal-annimali u xi għelieqi li kellu. Mill-atti joħroġ ċar illi anke fl-aħħar żmien ta' ħajtu meta kien l-isptar Saviour kien jikkomunika tajjeb mal-istaff tal-isptar, inkluż it-tobba kuranti tiegħu u n-*nurses*. Infatti ż-żewġ xhieda li dehru fuq l-aħħar testament irriżulta li kienu jaħdmu fis-sala fejn kien rikoverat Saviour u dawn xehdu li ftakruh bħala raġel luċidu, li kien anke kapaċi jżomm konversazzjoni u jagħti informazzjoni lit-tobba tiegħu rigward x'qed iħoss, x'jixtieq u meta jixtieq li jkun rilaxxat mill-isptar sabiex imur id-dar.

Il-Qorti ma tinsiex ukoll ix-xhieda tal-psikjatra u n-Nutar li rrediġiet l-aħħar testment tad-decujus li t-tnejn insistew li dan kien luċidu, tkellem ċar, kien jaf xi jrid, u kkonferma l-istess anke meta nqara t-testment tiegħu quddiem ix-xhieda kif rikjest mil-liġi u qabel ma ffirma l-istess personalment.

Jidher illi d-decujus seta' oriġinarjment kellu ħsieb rigward il-wirt tiegħu iżda għal ragunijiet li jafhom huwa, dan iddeċieda li jibdel l-istess. Ir-raġunijiet wara dan il-bdil tal-ħsieb jistgħu jkunu varji u mhux għal din il-Qorti tissindika l-istess. Dak li jinteressa lil din il-Qorti huwa jekk fil-mument li d-decujus għamel l-aħħar testment tiegħu, liema testament qed jiġi ikkontestat mill-atturi, huwa kellux il-fakultaijiet mentali neċessarji sabiex jiddisponi minn ġidu u jekk għamilx dan minn jeddu u skont il-volontà tiegħu.

Li huwa żgur hu li d-decujus biddel id-dispożizzjonijiet testamentarji tiegħu minn kif kienu fit-testment *unica charta* li kien għamel ma' martu għal dawk li jirriżultaw mit-testment issa impunjat mill-atturi, bl-atturi qiegħdin għalhekk jittentaw iwaqqgħu dan l-aħħar testment tad-decujus kif spjegat. Kif diġà ntqal, dawn ir-raġunijiet għaliex testment jista' jiġi annullat, ma jistgħux jissussistu flimkien, imma kwalunkwe waħda

minnhom, jekk tiġi ppruvata, twassal biex jintlaqgħu t-talbiet atturi.

**1. L-inkapaċità mentali:**

L-Artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, Kapitolu 16, Liġijiet ta' Malta, jelenka l-persuni li huma inkapaċi li jiddisponu b'testment, u l-Artikolu 599 jagħmilha ċara illi *"it-testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita' tat-testatur tispicca qabel il-mewt tiegħu."*

Dwar iż-żmien rilevanti rigward meta għandha teżisti l-kapaċità mentali d-dottrina tgħallem illi:

*"Se senz'essere alienato, il testatore si trovava nell'impossibilita' di manifestare il proprio volere, bisogna naturalmente che l'attore provi che la causa che gl'impediva di manifestare la sua volonta' esisteva nel momento dell'atto."*[76]

F'Appell minn sentenza mogħtija minn din il-Qorti,[77] fejn il-validità ta' testment kienet qed tiġi kkontestata *inter alia* fuq din ir-raġuni wkoll, kienu ġew elenkati l-prinċipji legali stabiliti mill-ġurisprudenza f'dan ir-rigward bħala:

i. *Il-kapacità li persuna tiddisponi minn hwejjiġha permezz ta' testment hija preżunta;*

ii. *Biex wiehed jiddisponi minn hwejjgu mhijiex mehtiega "una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio' che si fa … basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione, raziocinio o memoria ondesia capace di determinazione e di*

[76] Laurant: Prinċipii di Diritto Civile; vol. XI. para 139 paġ. 144.
[77] Appell 1.7.2002: Joseph Galea pro et noe. vs Maria Camilleri.

*volonta' ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose…";*

iii. *Il-prova ta' l-inkapacità tispetta lil min jallegaha. Tali prova trid tkun "piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dell'atto che compiva, ne' volonta' propria";*

iv. *Fattur determinanti sabiex tiġi stabilita s-sanità mentali hija r-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet kontenuti fit-testment. Għandhom ukoll rilevanza qawwija d-depozizzjonijiet ta' nies professjonali bħal tabib kuranti tat-testatrici u n-nutar li jikkonfezzjona t-testment dwar l-istat u l-komportament tat-testatriċi fiż-żmien rilevanti."*[78]

Rigward il-preżunzjoni li min jagħmel testment huwa kapaċi sabiex jiddisponi minn ġidu, jingħad li prova kuntrarja ta' dan trid issir minn min jaġixxi għall-impunjazzjoni tat-testment.[79]

Fil-każ in eżami l-provi mressaq mill-atturi sabiex jittentaw iwaqqgħu l-aħħar testment tad-decujus taht il-kap tal-inkapacità mentali kienu pjutost dgħajfa.

L-atturi jallegaw li d-decujus kien jidher konfuż u nesa li għandu tliet (3) neputijiet u tifla tiegħu stess l-Awstralja u li nesa li baqagħlu għasfur id-dar jew fejn kienet il-kamra tal-banju. Jittentaw ukoll jallegaw infermità mentali tad-decujus b'konsegwenza ta' mediċini varji li kien qiegħed jingħata l-aħħar li ddaħħal l-isptar fejn baqa' sakemm miet.

Il-Qorti però tinnota li huma l-atturi biss li jagħmlu dawn l-allegazzjonijiet flimkien ma' ziju tagħhom, hu d-decujus li

---

[78] Ara wkoll, Cassar vs Cassar, 31.3.1933 u Vassallo vs Sammut, Vol. XXIV.i.108

[79] Ara Appell fl-ismijiet Joseph Vassallo et vs Avv. Dr. Victor R. Sammut, 24.4.1950, Kollez. Vol. XXXIV.i.108 kif ukoll P.A. 8.5.1952 fl-ismijiet Carmelo Mifsud et vs Maria Giordano et.

bħalhom ukoll jirrisjedi l-Awstralja u li jibda sabiex donnu jaqbel magħhom però aktar tard jinsisti huwa stess fuq il-fatt li ħuh id-decujus baqa' jfendi għal rasu kważi sal-aħħar, ma kien ibati b'ebda kundizzjoni tal-moħħ, u kien l-iktar li jtik pariri.

Tinnota wkoll li marsusin kemm-il darba bid-domandi tal-abbli avukat patroċinanti l-atturi, it-tobba kuranti d-decujus kif ukoll il-psikjatra li rah kemm qabel għamel l-aħħar testment tiegħu kif ukoll wara meta kien lejn l-aħħar ta' ħajtu fl-isptar ilkoll insistew kemm li l-mediċini li kien jieħu ma jaffetwawx il-kapaċitajiet mentali tiegħu kif ukoll li jekk seta' kellu xi ansjetà jew dipressjoni din kienet raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi, mistennija, kif ukoll tali li ma kinitx taffetwa l-ħsieb jew kapaċitajiet mentali tiegħu. L-istess tobba kuranti d-decujus kif ukoll il-psikjatra jinsistu li kull meta tkellmu miegħu, id-decujus kien ċar fil-ħsieb u l-kliem u kien kapaċi jagħti dati, jispjega fid-dettal x'qed iħoss, u jgħid x'jixtieq u ma' jixtieqx inkluż meta xtaq jew ma xtaqx imur id-dar u li ma riedx jieħu ċertu mediċini.

Din il-Qorti iżżid li dak li ħareġ mill-assjem tal-provi huwa li, semmai, l-ansjetà jew dipressjoni li seta' ħass id-decujus f'xi ġranet qabel u wara li għamel l-aħħar testment tiegħu ma effettwawx il-kapaċità mentali tiegħu tant li kemm n-nutar li rrideġiet l-istess kif ukoll il-psikjatra li kkonferma l-kapaċità mentali tad-decujus fl-istess ġurnata iżda immedjatament qabel sar it-testment ilkoll sostnew li kieku kellhom imqar xrara dubbju dwar il-kapaċità mentali tat-testatur huma ma kinux jipproċedu.

Tinnota ulterjorment li minn dak li xehdet in-Nutar Mariosa Grech li rrediġiet l-aħħar testment avolja Saviour wera x-xewqa li jaqta' lil uliedu tal-Awstralja 'l barra għalkollox, wara li hija spjegatlu l-kwistjoni tas-sehem riżervat huwa ħalla ammont ta' flus lil kull wild li kien l-Awstralja.

Barra minn hekk il-Qorti ma tistax ma tinnutax wkoll ċertu metikolożita fil-ħsieb tat-testatur fejn ħalla oġġetti partikolari lil persuni partikolari u għalhekk, tqis li tali aġir jimmina l-argument tal-atturi li fil-mument li għamel l-aħħar testment tiegħu d-decujus kien qiegħed isoffri minn xi infermità mentali.

Din il-Qorti tinsab għalhekk konvinta li l-atturi ma rnexxilhomx jipprovaw illi d-decujus Saverio sive Saviour Grech kien nieqes mill-fakultajiet mentali rikjesti u neċessarji sabiex fil-mument meta għamel l-aħħar testment tiegħu huwa ma kienx kompetenti jagħmel dan.

**2. Kunsens vizzjat:**

Skont il-liġi nostrana il-kunsens jista' jiġi vizzjat jew bi vjolenza jew b'għemil doluż, li huma trattati fl-Artikoli 974 sa 981 tal-Kodiċi Civili, Kapitolu 16, Liġijiet ta' Malta.

Kif ingħad fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet "***Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et***",[80] *"kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jiġu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega għall-validità ta' kuntratt u cioe` kapacita`, kunsens, oggett u kawża lecita"*.

Illi skont l-Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16, Liġijiet ta' Malta:

*"Jekk il-kunsens ikun ġie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'ghemil doluz, ma jkunx jiswa"*.

**Fuq l-iżball**, għalkemm dan ma jidhirx li qed jiġi allegat f'din l-istanza, il-liġi tiddistingwi bejn żball dwar il-liġi li ma jġibx nullità ħlief meta dan ikun il-kawża waħdanija jew ewlenija tiegħu, u żball ta' fatt li ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta

[80] A.J.M. 10.3.1997, Vol LXXXI.III.44.

jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim (Artikoli 975 u 976).

**Fuq il-vjolenza**, l-Artikolu 978 (1) jgħid hekk: *"Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ġġieghla tibza' li hija nnifisha jew hwejjigha jistghu jiġu mqieghda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira."*

L-awtur Furgole ċċitat minn Laurent jgħid kif isegwi:

*" … non si esige un timore capace di influire sopra un uomo vigoroso; basta che i fatti sieno tali da poterne dedurre che il testatore non abbia disposto di sua piena volonta', o che la violenza produsse un costringimento capace di obbligare il testatore a fare quello che non avrebbe voluto."* (cap. V, sez. IV, nn 4 e 2).[81]

Fil-ġurisprudenza nostrana dwar il-vjolenza li tivvizja l-kunsens ġie ribadit illi:

*"Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita' tal-kuntratt, hemm bżonn li dik il-vjolenza tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jiġi ottenut il-kunsens, u mhux biex jiġi ottenut skop divers, u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li ezercitata biex tottjeni dak il-kunsens."*[82]

Ingħad ukoll:

*"Biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li tagħmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza li tesponi ingustament lill-persuna tagħha jew il-gid tagħha għal dannu gravi. Il-*

[81] op. cit. para. 129 paġ. 132.
[82] Edgar G. Soler noe. Vs H.H. Sir David Campbell noe. vol. XXXIII p. II. pp 431.

*kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indagini li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant."*[83]

**Fuq l-għemil doluż,** l-Artikolu 981 jippreskrivi li l-għemil doluż huwa motiv ta' nullità meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kinitx tikkuntratta. Iżda l-istess artikolu jkompli jgħid li dan l-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.

Il-Qrati tagħna dejjem kienu tal-fehma li mhux kwalunkwe ingann ta' kontraent wieħed għad-dannu tal-ieħor jammonta għad-dolo rikjest mil-liġi bħala motiv għall-annullabilità ta' kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontraent ingannat il-kuxjenza ta' dak li kien qiegħed jagħmel u l-indipendenza tal-kunsens tiegħu u tali wkoll li mingħajru ma kienx jikkuntratta.[84]

Inoltre l-għemil doluż ma jistax jiġi preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-atturi jallegaw ħafna nuqqasijiet li skonthom huma ħatja tagħhom il-konvenuti.

Jgħidu li kienu jinjoraw lil missierhom, ma jdurux bih kif imiss, iħalluh nieqes mit-tankijiet tal-ossiġnu, ma jtuhx il-mediċina meta jmisshom jagħtu l-istess, ma jmorrux jarawh jew jagħmlulu faċenda.

Il-Qorti tinnota li apparti li mill-provi akkwiziti ma jirriżultax dak li l-atturi jallegaw u ċjoè li kien hemm żball, vjolenza jew anke għemil doluż, l-allegazzjonijiet li jressqu huma pjuttost fiergħa u dan tenut kont tal-fatt li jirrizulta li l-atturi jgħixu l-Awstralja u f'ħajjet missierhom kienu jiġu Għawdex biss għal

[83] Rosaria Bartolo vs Giovanni Bartolo -vol. XXIX, Pt. II pp. 749.
[84] Ara: Nazzareno Dimech vs Nobbli Markiż Nazz Zimmermann Barbaro, 7.12.1935

btala. Dan qed jingħad billi l-provi kif sintesizzati hawn aktar il-fuq juru biċ-ċar li huma l-atturi biss—li kienu essenzjament neqsin għal fuq minn erbgħin (40) sena minn ħajjet missierhom — li qed jivvantaw dawn l-allegazzjonijiet. Persuni oħrajn bħal ġara tad-decujus u t-tabib Cutajar taw stampa kompletament differenti minn dik li pinġew l-atturi.

Minbarra hekk l-atturi bħal jallegaw li kien hemm xi sforz minn naħa tal-konvenuti sabiex missierhom ibiddel it-testment li huwa kien għamel *unica charta* ma' martu fl-1991. Dan prinċipalment billi jippruvaw juru li kienet xi persuna ta' sess femminili li bagħtet għan-Nutar li rrediġiet l-aħħar testment tiegħu. Il-Qorti iżda ma ratx stralċ ta' prova sodisfaċenti la rigward din l-allegazzjoni u wisq anqas rigward vjolenza, għemil doluż, jew żball, liema prova kienet tispetta lill-atturi li bħala dawk li għamlu l-allegazzjonijiet, kellhom juru li fil-mument li għamel l-aħħar testment tiegħu missierhom kien affett min xi nuqqas jew suġġett għal xi pressjoni jew vjolenza li waslu għall-ivvizzjar jew kaptazzjoni tal-kunsens tiegħu. Semmai, mill-assjem tal-provi jekk jirriżulta xi ħaġa huwa li l-missier, id-decujus, seta' kellu dwejjaq kbar rigward iben li kien Għawdex mill-Awstralja tant li pprefera jibqa' l-isptar u jieħu riskju ta' infezzjoni milli jmur lura f'daru.

Il-Qorti hija konvinta li jekk kien hemm bdil fil-ħsieb tad-decujus fl-aħħar testment tiegħu dan kien bdil volontarju u hija sostnuta f'dan minn dak li xehdu x-xhieda indipendenti tul il-perkors tal-kawża liema xhieda m'għandhom xejn x'jakkwistaw mix-xhieda tagħhom u li m'għandhom ebda raġuni jgħidu dak li mhux minnu u li għalhekk il-Qorti tqis kredibbli u hija propensa temmen.

Il-Qorti ma ssib ebda indikazzjoni fl-assjem tal-provi illi l-konvenuti b'xi mod eżerċitaw xi pressjoni jew vjolenza sabiex

influwenzaw jew addirittura ġiegħlu lil missierhom id-decujus ibiddel it-testment tiegħu.

Għaldaqstant, din il-Qorti tinsab ukoll moralment konvinta li l-atturi ma rnexxilhomx jipprovaw fil-grad rikjest mil-liġi illi d-decujus Saverio *sive* Saviour Grech kien b'xi mod, bi żball, vjolenza, jew b'għemil doluż mġiegħel jagħmel l-aħħar testment tiegħu fil-mument li attwalment għamel l-istess.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tilqa' t-tieni (2) u t-tielet (3) eċċezzjoni tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet kollha ta l-atturi bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur